# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 71/2020 BS**

**Angiolina sive Angela Buttigieg;**
**Rosie Buttigieg u Joseph Vella u b'digriet tal-25 ta' April, 2021 il-gudizzju gie trasfuz minn isem Angiolina sive Angela Buttigieg ghal isem Rosie Buttigieg u Saviour Buttigieg stante l-mewt ta' ommhom l-attrici Angiolina sive Angele Buttigieg[1]**

**-vs-**

**Mary Jane Formosa; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2020[2] Mary Jane Formosa ġiet nominata kuratur deputat ta' l-imsefrin Carmen Turner; Rosie Judde; Lawrence Vella; Nazzareno Vella; Paul Vella; Josephine Caruana; Angela Vella; Michelle Vella u Joyce Vella; u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2021[3] ġiet kjamata fil-kawża Antonella Njoku; u b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2022[4] il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Angela Vella favur uliedha Michelle Vella u Joyce Vella; u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2023[5] il-ġudizzju ġie trasfuż min fuq Nazzareno Vella favur l-armla tiegħu Michelina Vella u uliedu Antoinette Vella u Sylvia Vella**

---

[1] Ref.: rikors a fol 79, certifikat tal-mewt ta' Angiolina Buttigieg a fol 80. Dikjarazzjoni *causa mortis* a fol 81sa 85. Kuntratt ta bejgh bejn l-ahwa Rosie u Saviour Buttigieg a fol 87 sa 91. Digriet a fol 167.
[2] Digriet a fol 65 u 66.
[3] Digriet a fol 252.
[4] Digriet a fol 480.
[5] Digriet a fol 651 u 652.

*Sentenza in parte*

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[6] li ppremettew:**

1. *Premess illi **Toni Vella,** gia pensjoniant bin il-mejtin Mikieli u Ursola née Xerri imwieled il-Qala u gia resident il-Qala Ghawdex miet fis-sittax ta' Novembru tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (16.11.1983) u dan hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok 'A';*

2. *Premess illi **Rosa Vella** née Bonello, armla tal-imsemmi Toni Vella, bint Wenzu Bonello u l-mejta Angela née Camilleri twieldet in-Nadur u gia residenti l-Qala mietet fit-tnejn ta' Gunju elf disa mija disgha u disghin (02.06.1999) u dan hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok 'B';*

3. *Premess li wara li saru d-debiti ricerki testamentarji fir-registru pubbliku u fil-Qorti Volontarja rrizulta illi l-mejtin Toni u Rosa gia konjugi Vella mietu testati u rregolaw il-wirt u s-successjoni taghhom permezz ta' diversi testmenti kemm unica charta kif ukoll testmenti ohra u senjatament it-testament unica charta tal-hamsa (5) ta' Novembru elf disa mija u sittin (1960) u iehor tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elf disa mija wiehed u sebghin (1971), it-tnejn mizmuma fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u fir-rigward ta' Rosa Vella waheda hija kellha zewg testmenti addizzjonali wiehed tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elf disa mija sebgha u disghin (1997) u l-iehor tad-9 ta' Mejju 1998, it-tnejn mizmuma fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech u dan kollu kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok 'C', 'D', 'E', 'F';*

4. *Premess illi kif jirrizulta minn dawn id-dokumenti l-konjugi Vella, flimkien u wahedhom hallew diversi legati, nnominaw u stitwew bhala eredi universali tagħhom lill-għaxar (10) uliedhom u cioe lil: Kelinu, Angiolina Buttigieg, Ursola Buttigieg, Nazzarenu, Lawrence, Anglu,*

[6] Rik. Gur a fol 1 sa 9 b'dokumenti a fol 10 sa 59.

*Giuseppa sive Josephine Caruana, Pawlu, Giusepp u Maria Giovanna Formosa u dan fi kwoti ndaqs bejniethom;*

5. *Premess illi d-denunzja u d-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-konjugi Vella saret in kwantu ta' Toni Vella permezz tad-denunzja bin-numru G321/84, filwaqt illi dik ta' Rosa Vella giet ippublikata fl-1 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech u dan hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok 'G' u 'H';*

6. *Premess illi fost il-werrieta uliedhom mietu fil-mori Ursola Buttigieg mart Paul Buttigieg bint il-mejjet Anthony Vella u Rose nee Bonello imwielda ill-Qala Ghawdex u gia resident Melbourne l-Awstralja mietet gewwa Footscray Melbourne l-Awstralja nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija sebgħa u disghin (1997). Illi hija mietet intestata għalhekk wirtuha ex lege uliedha Rosie mart John Judde u Carmen mart Glenn Turner;*

7. *Premess illi d-dikjarazzoni tat-trasferiment causa mortis saret fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (27.05.1997) liema dokument huwa hawn anness u mmarkat dok I;*

8. *Premess illi sussegwentment ulied il-mejta Ursola Buttigieg née Vella* ***Anthony u Rosa Vella née Bonello***[7] *ircevew b'donazzjoni mid-decujus Rosa Vella u l-werrieta ta' Tony Vella ghas-saldu u in total sodisfazzjoni tad-drittijiet kollha spettanti lilhom mil-wirt u successjoni tal-konjugi Vella l-fond bicca art fi sqaq li jinfed ghal-Triq Wardija Qala Ghawdex tal-kejl ta' circa mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k) u dan kif jidher mil-kuntratt ippublikat minn Nutar Michael Refalo tas-sebgha u għoxrin ta' Mejju tal-elf disgha mija u sebgha u disghin (27.05.1997) hawn anness u mmarkat Dok J;*

9. *Premess illi Angelo Vella, iben il-mejtin Tony u Rosa konjugi Vella miet fis-sbatax (17) ta' Jannar tal-elf disa mija u tlieta u disghin (1993) miet intestat f'Toronto, Ontario il-Kanada, u għalhekk wirtuh ex lege f'porzjoni ugwali bejntihom iz-zewg uliedu, l-imsemmija Anthony u Cindy;*

10. *Premess illi Anthony Vella u Cindy Camilleri mart Jonathan Camilleri née Vella ulied il-mejjet Angelo Vella u Rita née Falzon, it-tnejn imweldin u*

[7] Sitt kelmiet skurati minn din il-Qorti jidher li huma superfluwi f'din is-sentenza ta' din il-premessa.

*residenti Toronto Kanada bieghu u ttrasferew lir-rikorrenti Angela Buttigieg u zewgha Carmel Buttigieg is-sehem spettanti lilhom mil-wirt u successjoni tad-decujus Toni Vella permezz ta' att ippublikat minn Nutar Paul George Pisani tas-sebgha u ghoxrin ta' Lulju elfejn u tnejn (27.07.2002) kif korrett permezz ta' kuntratt tas-sittax ta' Settembru elfejn u tnejn (16.09.2002), liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkati Dok K;*

11. *Premess illi Carmel Buttigieg gia pensjonant, iben il-mejtin Saviour Buttigieg u Emmanuela née Muscat imwieled ir-Rabat Ghawdex u gia resident il-Qala Ghawdex bil-karta tal-identita numru 58833(G) miet f'Ruma l-Italja fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfjen u tmienja (2008) u dan kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok L. Huwa rregola l-wirt u sucessjoni tieghu permezz ta' tesment mizmum fl-atti tan-Nutar Maria Grima tal-ghaxra ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), liema dokument huwa hawn anness u mmarkat Dok M fejn permezz tieghu nnomina bhala eredi universali lir-rikorrenti bintu, Rosie Buttigieg;*

12. *Premess illi d-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis giet debitament ippublika minn Nutar Maria Grima fl-att taghha tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok N;*

13. *Premess illi in oltre Kelinu sive Michael Vella iben iehor tal-mejtin Tony u Rosa konjugi Vella, miet fil-mori u l-prezunti werrieta huma l-armla tieghu Angela Vella nee' Buttigieg bint il-mejtin Pio Buttigieg u Josephine nee' Bonello imwielda in-Nadur Ghawdex fis-sitta ta' Lulju tal-elf disa mija tnejn u hamsin (1952), u uliedu Michelle Vella u Joyce Vella it-tnejn residenti Ontario, Canada;*

14. *Premess illi r-rikorrenti bhala eredi ta' l-imsemmija Toni u Rosa Vella ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni ghar-rigward ta' l-eredita tal-konjugi Vella;*

15. *Premess illi l-intimati ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal din id-divizjoni bonarja, dawn baqghu inadempjenti;*

16. *Premess illi l-esponenti jafu dawn il-fatti personalment.*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia' esistenti bejn l-imsemmija Toni u Rosa Vella billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

2. *Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Vella;*

3. *Tillikwida l-assi partikolari ta' Toni Vella billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

4. *Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lil legatarji nominati fit-testmenti tieghu;*

5. *Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Toni Vella f'ghaxar (10) porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wahda mil-partijiet kullhadd skont is-sehem tieghu;*

6. *Tordna l-qasma tal-istess beni bejn il-kontendenti prevja li jigi redatt pjan ta' divizjoni bl-opera okkorrendo ta' periti nominandi;*

7. *Tordna li kemm-il darba jirriżulta li l-beni ta' l-imsemmi Toni Vella jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn il-partijiet, ilkoll werriet ta' Toni Vella, kullhadd skont dak is-sehem spettanti lilu minghajr l-ammissjoni ta' obleaturi estranji;*

8. *Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati imhollija lil legatarji nominati fit-testmenti taghha sakemm dawn huma legali u validi;*

9. *Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmija Rosa Vella billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

10. *Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Rosa f'ghaxar porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed mil-partijiet kullhadd skont is-sehem spettanti lilu;*

11. *Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Rosa Vella jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn id-disa' ulied ta' l-istess Rosa Vella jew is-superstiti taghhom u dan minghajr obleaturi estranji;*

12. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' legati f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mary Jane Formosa f'isimha proprju u bħala kuratur deputat tal-imsefrin kollha[8] li eċċepiet:**

1. *Illi fl-ewwel lok in kwantu l-kawza saret kontra Carmen Turner u Rosie Judde, dawn m'ghandhom ebda interess guridiku fil-kawza billi permezz tà kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-27 tà Mejju 1997, huma kienu rcevew minghand Rosa Vella u minghand l-eredi tà Toni Vella cjoé l-atturi u l-konvenuti l-ohra fil-kawza porzjon art fi sqaq fi Triq Wardija, Qala, tal-kejl tà cirka mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k.) konfinanti mill-Lvant mà beni tà Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti mà beni tà Mara Giovanna Vella u in parti mà sqaq u Punent mà beni tal-ahwa Xerri, a saldu u in totali soddisfazzjoni tas-sehem taghhom mill-ereditâ tà Toni Vella u mill-eventwali wirt tal-istess Rosa Vella, u ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez relattivi jibqghu a karigu tal-atturi. Jigi ddikjarat ghal kull buon fini li Carmen Turner u Rose Judde già taw struzzjonijiet lill-esponenti biex tigi segwita l-procedura opportuna ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kodici Civili sabiex huma jirrinunzjaw ghall-wirt li fadal tà Toni Vella u Rosa Vella;*

2. *Illi l-esponenti f'isimha u ghall-bqija tal-konvenuti l-ohra ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni mitluba mill-atturi purché li:-*

   i. *Fl-ewwel lok tigi verifikata u stabbilita l-konsistenza tal-assi li fadal ghad-divizjoni u l-konsistenza tal-legati li gew imhollija lill-attrici Angiolina Buttigieg u lill-esponenti Mary Jane Formosa proprio;*

[8] Risposta guramentata a fol 72 sa 74.

ii. *Fit-tieni lok jigu verifikati l-kwoti tal-eredi li baqghalhom interess guridiku fil-kawza;*

iii. *Fit-tielet lok fil-pjan tà divizjoni jittiehed kont tal-valur tal-legati tà proprjetà mhollija lill-attrici Angiolina Buttigieg akkont tas-sehem taghha mill-wirt tà missierha Toni Vella bit-testment unica charta li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-5 tà Novembru 1960;*

iv. *Fir-rabà lok jigi kkollazzjonat u mputat fil-massa ereditarja tà Rosa Vella l-valur gust u reali tal-art li fuqha bniet id-dar taghha l-attrici Angiolina Buttigieg fi Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, li giet iddonata lilha minn omhha Rosa Vella b'kuntratt tà Donazzjoni fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tat-3 tà Gunju 1997 ai termini tal-Artikoli 913 et seq tal-Kodici Civili;*

3. *Illi a rigward it-tmien (8) talba tar-rikors guramentat, l-esponenti Mary Jane Formosa taqbel mat-talba u taderixxi ruhha maghha in kwantu l-immissjoni fil-pussess tal-legati ghandha ssir fil-konfront tal-legatarji kollha nkluz ukoll ghalhekk tà dawk il-legati li gew imhollija lilha proprio minn ommha Rosa Vella bl-ahhar zewg testmenti taghha bid-differenza però li filwaqt li l-legat imholli lill-esponenti proprio minn omma Rosa Vella mill-art 'Tas-Salib' fi Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, thallielha barra minn sehemha bi hlas u tpattija tas-servigi, kuri u assistenzi talli daret b'ommha, il-legat msemmi hawn fuq fil-paragrafu 1(iii) li gie mholli lill-attrici Angiolina Buttigieg thallieha akkont tas-sehem taghha mill-wirt tà missierha Toni Vella. Hemm ukoll il-prelegat li thalla minn Rosa Vella lill-esponenti Mary Jane Formosa tas-sehem taghha mill-fond numru 88, Triq Wardija, Qala, bir-rabà anness mieghu, dan ukoll thalla lill-esponenti Mary Jane Formosa proprio bi 'prelegat' cjoé barra minn sehemha mill-wirt t'ommha Rosa Vella. Konsegwentement kull komunikazzjoni li fethet l-attrici Angiolina Buttigieg mill-proprjetà taghha ghall-fond jew fondi li gew legati lill-esponenti proprio ghandha tigi kkundannata biex taghlaqha b'mod permanenti;*

*Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata in kawża Antonella Njoku[9] illi eċċepiet:**

[9] Risposta guramentata a fol 255 sa 257.

**A.** *Illi t-talba tal-attrici Rosie Buttigieg ghas-sejha fil-kawza tal-eccipjenti hi wahda superfluwa u saret inutilment, u kemm-il darba jirrizulta dan, kif l-eccipjenti temmen b'konvinzjoni li għandu jkun il-kaz, l-ispejjez kollha relattivi ghal din is-sejha fil-kawza taghha ghandhom jigu akkollati lill-istess attrici Rosie Buttigieg.*

*Dan peress li:-*

i. *Illi l-eccipjenti hi estranea ghall-wirt oggett fil-kawza, mhix werrieta tà Anthony sive Toni u Rosa Vella li tal-wirt taghhom qed tintalab il-qasma b'din il-kawza, u m'għandha ebda konnessjoni mal-wirt taghhom li jinkludi fih hafna aktar proprjetà mill-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li l-genituri taghha kienu xtraw minghand il-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde b'kuntratt tas-7 tà Novembru 1997, fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech;*

ii. *Illi l-fatt li l-eccipjenti wirtet minghand missierha Dominic Formosa nofs (1/2) indiviz mill-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li huwa kien akkwista b'xiri minghand tnejn mill-konvenuti ma johloqx dak l-interess guridiku attwali fl-eccipjenti fil-meritu tal-kawza, cjoè dak l-interess guridiku li trid il-ligi li kellha twassal biex tintalab u tigi milqugha t-talba tal-attrici ghall-kjamata fil-kawza tal-esponenti. L-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta` livell bhal dak kif imfisser minn hafna sentenzi tal-qrati taghna bhala l-interess guridiku li għandu jkollha parti fil-kawza. Illi huwa stabilit ukoll li l-istitut tas-sejha fil-kawza huwa mahsub li jiggarantixxi l-integrita tal-gudizzju, izda "l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax jigi applikat fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun digà integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir- responsabbilta tal-konvenut vis-a-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x`relazzjonijiet jista' jkollu hu ma` haddiehor li, kwantu l-attur, jibqa' terz." (App. Inf. 18.5.1995,* ***Farrugia vs Fava,*** Kollez. *Vol. LXXIX.ii.1110);*

iii. *Illi a rigward in-nofs (1/2) indiviz tal-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li kien jappartjeni lil Anthony Vella, dan kien gie assenjat lill-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde mill-werrieta tieghu partijiet fil-kawza b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-27 tà Mejju 1997, u kien gie assenjat lilhom "a saldu u in totali sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-*

*wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella." Ghalhekk m'għandu jibqà ebda dubbju dwar jekk il-kjamata fil-kawza ghandhiex effettivament dak l-interess guridiku li kellha tigi msejha fil-kawza meta min kien trasferixxa lil missierha Dominic Formosa bil-kuntratt tas-27 tà Mejju 1997, kien ircieva dan in-nofs (1/2) indiviz tal-post a saldu tad-drittijiet kollha li kienu lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella. U rigward in-nofs (1/2) indiviz l-iehor li kien tà Rosa Vella, dan kien gie assenjat lilhom b'donazzjoni mill-istess Rosa Vella bl-istess kuntratt tas-27 tà Mejju 1997 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, u kien sar u gie accettat ukoll a saldu u in totali sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt tal-imsemmija Rosa Vella;*

*iv.* *Illi kif preskritt bl-artikolu 648 tal-Kap. 16 dan is-sehem li l-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde kienu rcevew b'donazzjoni minghand nannithom Rosa Vella jrid jigi kkalkolat skont il-valur taz-zmien meta dan in-nofs (1/2) indiviz kien gie donat lilhom fl-1997, li bla dubbju l-kumplament tal-assi in divizjoni li ghandhom jigu stmati bil-valur tallum, jizboq ferm il-valur tas-sehem li l-imsemmija Carmen Turner u Rose Judde kienu rcevew;*

*v.* *Illi l-fatt li l-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde kienu sussegwentement bieghu u ttrasferew lill-genituri tal-esponenti l-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, dan ma johloq ebda ness guridiku li l-esponenti kellha tigi kjamata f'din il-kawza tà divizjoni, billi kull eventwali responsabbilità li jistà jkun hemm dwar l-obbligu tal-konferiment tal-kollazzjoni ai termini tal-artikolu 913 tal-Kap, 16 jibqà vestit biss fil-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde, u mhux fil-kjamata fil-kawza;*

*Ghalhekk il-kjamata fil-kawza saret inutilment u hija wahda superfluwa ghall-ahhar billi ma kienx hemm lokha sa mill-bidu nett u ghaldaqstant l-ispejjez relattivi għal din il-kjamata għandhom jigu akkollati kollha lill-istess attrici Rosie Buttigieg.*

*Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat tal-atturi.[10]

**Rat** li b'rikors tat-30 ta' Settembru, 2020 l-atturi talbu l-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-konvenuti li jirrisjedu fl-esteru, ossia l-konvenuti kollha għajr Mary Jane Formosa.[11]

**Rat** li b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2020 ingħatat ordni għal-ħruġ tas-soliti bandi.[12]

**Rat** li b'nota tal-14 ta' Ottubru, 2020 il-konvenuta Mary Jane Formosa aċċettat il-bandu għall-ħatra ta' kuratur deputat[13] b'dan ġie konfermat b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2020.[14]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' April, 2021 il-kawża ġiet iddifferita għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.[15]

**Rat** li r-rikors tas-16 ta' April, 2021 ta' Rosie u Saviour aħwa Buttigieg fejn talbu sabiex il-ġudizzju jiġi trasfuz f'isimhom stante l-mewt ta' ommhom l-attriċi Angiolina sive Angele Buttigieg[16] ġie milqugħ bid-digriet tal-25 ta' April, 2021.[17]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuta Mary Jane Formosa tal-11 ta' Ġunju, 2021 li bih, għar-raġunijiet hemm minnha elenkati u ai termini tal-Artikolu 494 tal-Kap.16, talbet il-ħatra ta' amministratur ġudizzjarju tal-beni miżmuma in komuni mil-partijiet.[18]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tat-28 ta' Ġunju, 2021 għar-rikors tal-konvenuta Mary Jane Formosa tal-11 ta' Ġunju, 2021.[19]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tal-20 ta' Settembru, 2021 għal-kjamat in kawża ta' bint il-konvenuta Mary Jane Formosa, Antonella Njoku, stante li fuq dawn iż-żewġ persuni tirriżulta rreġistrata l-proprjetà ossia dar bin-

[10] Dokumenti a fol 10 sa 59.
[11] Rikors a fol 60.
[12] Digriet a fol 62. Kopja tal-bandi a fol 63
[13] Nota a fol 64.
[14] Digriet a fol 65 u 66.
[15] Verbal a fol 78. Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet ghal darb'ohra ddifferita ghal-provi limitatment fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti – verbal a fol 454.
[16] Rikors a fol 79.
[17] Digriet a fol 167.
[18] Rikors a fol 174 u 175.
[19] Risposta a fol 217 sa 220 – inkluz in verso pagina.

numru 89, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex, derivanti mill-assi tal-mejtin Toni u Rosa konjuġi Vella.[20]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tal-1 ta' Ottubru, 2021 għar-rikors tal-atturi tal-20 ta' Settembru, 2021.[21]

**Rat** li b'digriet tas-6 ta' Ottubru, 2021 intlaqgħet it-talba tal-atturi għal-kjamat in kawża ta' Antonella Njoku.[22]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru, 2021 l-atturi ġew akkordati terminu sabiex jippreżentaw lista tal-assi li skonthom huma fil-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Anthony sive Tony u Rosina sive Rosa Vella b'indikazzjoni ta' lill minn mid-defunti kienu jappartjenu l-istess u f'liema sehem.[23]

**Rat** il-lista tal-assi preżentata mill-atturi bħala dawk li skonthom huma fil-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Vella.[24]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Frar, 2022 magħmulha b'risposta għal-lista tal-assi preżentata mill-atturi.[25]

**Rat** li stante diverġenza dwar xi porzjonijiet art li oriġinarjament ġew inklużi fil-lista tal-assi skond l-atturi mbagħad ntalbet l-esklużjoni tagħhom mill-atturi stess,[26] b'digriet tal-11 ta' Frar, 2022 l-atturi ġew ordnati jippreżentaw aġġornament tal-lista tal-assi li skonthom jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Vella.[27]

**Rat** li in ottemperanza mad-digriet tal-11 ta' Frar, 2022, b'nota tal-5 ta' April, 2022 l-atturi ppreżentaw lista tal-assi aġġornata.[28]

[20] Rikors a fol 224 sa 227 b'kopja, *inter alia*, ta' att ta' trasferiment mill-poter ta' Carmen Turner u Rosie Judde versu Mary Jane Formosa u zewgha Dominic Formosa tad-dar numru 89, Triq il-Wardija, il-Qala – att tas-7 ta' Novembru, 1997 in atti Nutar Mariosa Grech a fol 229 sa 231 - u denunzja tas-27 ta' Jannar, 2016 in atti Nutar Mariosa Grech permezz ta' liema l-istess dar numru 89 ghaddiet mil-poter ta' Dominic Formosa a favur bintu Antonella Njoku – denunzja a fol 233 sa 236.
[21] Risposta a fol 246 u 247.
[22] Digriet a fol 252.
[23] Verbal a fol 379.
[24] Lista a fol 282 sa 388 bi pjanti a fol 389 sa 392.
[25] Nota a fol 398 sa 401.
[26] Ref.: pagni 7 u 8 tal-lista tal-assi tal-atturi liema pagni partikolari jinsabu a fol 387 u 388, rikors tal-atturi tat-28 ta' Jannar, 2022 li jinsab a fol 395 sa 397, risposta tal-konvenuti tal-4 ta' Frar, 2022 li tinsab a fol 404 u 405.
[27] Digriet a fol 409.
[28] Nota a fol 416. Lista tal-assi a fol 417 sa 423 bi pjanti a fol 424 sa 427.

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' April, 2022 l-avukat difensur tal-atturi rrinunzja l-patroċinju limitatament fil-konfront tal-attur Joseph Vella.[29]

**Rat** l-atti ġudizzjarji tal-partijiet dwar il-ħatra ta' psikjatra sabiex jinvista lill-attur Joseph Vella u jiddetermina l-kapaċità mentali tiegħu nkluż jekk jistax joqod in ġudizzju; atti li segwew ir-rinunzja fil-konfront tal-attur Joseph Vella.[30]

**Rat** li b'digriet tal-20 ta' Ottubru, 2022 ġiet maħtura l-psikjatra Dr. Chantelle Azzopardi sabiex tinvista lill-attur Joseph Vella.[31]

**Rat** ir-relazzjoni tal-psikjatra Dr. Chantelle Azzopardi maħlufa nhar is-17 ta' Novembru, 2022.[32]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tat-8 ta' Frar, 2023 fejn indikaw dawk li skonthom huma l-uniċi żewġ proprjetajiet fil-konsistenza tal-assi tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella b'diżgwid fuqhom.[33]

**Rat** in-nota tal-attriċi Rosie Buttigieg tas-16 ta' Marzu, 2023 b'diversi pjanti maħruġa mir-Reġistru tal-Artijiet annessi magħha.[34]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2023 il-konvenuti ddikjaraw li l-kontestazzjoni tagħhom rigward l-art li fuqha nbniet id-dar tal-attriċi Rosie Buttigieg bl-isem *"Canadian Comfort"* tikkonċerna biss l-art proprju li fuqha sar il-bini u li tħalliet lill-omm l-attriċi Rosie, ossia lill Angiolina Buttigieg "akkont" tas-sehem tagħha mill-wirt tal-ġenituri tagħha Toni u Rosa konjuġi Vella, mhux ukoll il-benefikati ta' bini li sar fuq l-istess art. Għal dan, l-atturi ddikjaraw li t-testmenti tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella jitkellmu dwar "dota" li preċedit it-testment.[35]

**Rat** li fl-istess udjenza tas-16 ta' Marzu, 2023 l-atturi ddikjaraw il-provi dwar il-konsistenza tal-assi tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella magħluqa.[36]

---

[29] Verbal a fol 428.
[30] Rikors b'urgenza tal-konvenuti a fol 432 u 434. Risposta tal-atturi a fol 448 sa 451.
[31] Digriet a fol 458.
[32] Relazzjoni a fol 460 sa 463.
[33] Risposta a fol 653 u 654.
[34] Nota a fol 667, pjanti a fol 668 sa 673b.
[35] Verbal a fol 799 sa 801.
[36] Verbal a fol 799 sa 801.

**Rat** li dwar it-talba għal-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' l-attur Joseph Vella kien hemm proċess miexi quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.[37]

**Rat** id-digriet tal-1 ta' Ġunju, 2023 li bih il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenuti għall-isfilz tal-affidavit ta' l-Avv. Dr. Angele Formosa u dak ta' Margerita Cutajar.[38]

**Rat** in-nota ġuramentata tal-konvenuti tal-15 ta' Ġunju, 2023 b'anness magħha diversi dokumenti konsistenti f'aġġornament tal-lista tal-assi skonthom formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella u li skonthom huma allura in diviżjoni.[39]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2023 u b'riżultat tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport tal-Psikjatra Dr. Chantelle Azzopardi dwar l-attur Joseph Vella,[40] deher l-Avv. Dr. Daniel Calleja bħala kuratur deputat tal-istess Joseph Vella[41] kif inabilitat bi proċeduri separati mmexxija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja.[42]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2023 l-avukati difensuri tal-partijiet, għajr dak maħtur bħala kuratur tal-attur Joseph Vella, iddikjaraw li ma' kellhom ebda provi ulterjuri xi jressqu dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.[43] Minn-naħa tiegħu, il-kuratur deputat tal-attur Joseph Vella ddikjara l-provi tiegħu dwar l-istess l-ewwel eċċezzjoni magħluqa fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2023.[44]

**Rat** ir-risposta tal-attriċi Rosie Buttigieg tal-25 ta' Ottubru, 2023 għan-nota ġuramentata tal-konvenuti tal-15 ta' Ġunju, 2023 konsistenti f'aġġornament tal-lista tal-assi skonthom formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella u li skonthom huma allura in diviżjoni.[45]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2023 id-difensuri tal-partijiet kif ukoll il-kuratur deputat tal-attur Joseph Vella għamlu t-trattazzjoni tagħhom

---

[37] Ref.: dikjarazzjoni tal-Qorti fil-verbal a fol799 sa 801.
[38] Digriet a fol 849.
[39] Nota a fol 851 sa 853, dokumenti a fol 854 sa 897.
[40] Rapport a fol 460 u 461.
[41] Verbal a fol 898.
[42] Ref.: risposta tal-kuratur deputat l-Avv. Dr. Daniel Calleja tas-16 ta' Gunju, 2023 fir-IV volum tal-process – fol 900.
[43] Verbal a fol 898 u 899.
[44] Verbal a fol 916 u 917.
[45] Risposta a fol 901 sa 908.

dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti bil-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-istess eċċezzjoni.[46]

**Rat** is-sentenza in parte mogħtija nhar is-26 ta' April, 2024 li biha, għar-raġunijiet hemm premessi, ġiet miċħuda l-ewwel (1) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.[47]

**Rat** ir-rikors tal-atturi għajr l-attur Joseph Vella tas-27 ta' Settembru, 2024[48] u r-risposta tal-konvenuti għall-istess b'indikazzjoni tal-possibilità li tingħata sentenza in parte dwar il-konsistenza tal-assi in diviżjoni u tan-necessita' li jiġi maħtur perit tekniku sabiex jivvaluta l-assi in diviżjoni.[49]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2024 l-avukat difensur tal-atturi għajr Joseph Vella ddikjara li l-assi in diviżjoni huma dawk li jirriżultaw min-nota a fol 414 *et seq* tal-proċess[50] mentri dak tal-konvenuti u l-kjamata in kawża ddikjara li tali assi jirriżultaw min-nota a fol 851 *et seq* tal-proċess.[51]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2024, wara li l-partijiet iddikjaraw li m'hemmx qbiel dwar il-konsistenza tal-assi, li l-assi jirriżultaw mill-provi in atti, u li ma' kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-istess; qablu wkoll sabiex tingħata sentenza in parte dwar il-konsistenza tal-assi in diviżjoni. Il-kawża ġiet għalhekk iddifferita għal-lum għas-sentenza in parte relattiva.[52]

**Rat** in-nota tal-Avv. Dr. Daniel Calleja, kuratur deputat tal-attur Joseph Vella, tas-7 ta' Novembru, 2024 li biha, wara li għamel referenza għad-dikjarazzjonijiet magħmulha fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2024 mill-avukati difensuri tal-partijiet l-oħra dwar l-atti li minnhom jirriżultaw il-proprjetajiet in diviżjoni, żid li d-differenza f'tali atti hija li l-partijiet l-oħra nkludew xi proprjetajiet iżda eskludew oħrajn. Iddikjara għalhekk li l-assi in diviżjoni għandhom ikunu dawk kollha ndikati fiż-żewġ noti li saret referenza għalihom mill-avukati difensuri tal-partijiet l-oħra.[53]

---

[46] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni a fol 909 sa 915. Verbal a fol 916 u 917.
[47] Sentenza a fol 923 sa 943.
[48] Rikors a fol 950 sa 952.
[49] Risposta a fol 955 u 956.
[50] Din il-Qorti tifhem li fil-fatt hawnhekk kellha ssir referenza ghal fol 416 *et seq*.
[51] Verbal a fol 961 u 962.
[52] Verbal a fol 961 u 962.
[53] Nota a fol 963.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet kontendenti.[54]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Saviour Vella**, xehed permezz ta' affidavit.[55] Jiddikjara li huwa twieled u għex il-Qala, Għawdex fid-dar numru 121, Triq Patri Guzepp Portelli gja Triq il-Wardija, faċċata ta' għalqa dak iż-żmien mhix mibnija li fiha kien jara lill Toni u Rosa konjuġi Vella u lill-uliedhom Paul u Joseph Vella.

Jgħid li dak iż-żmien it-triq kien għadha ma' nfetħitx tajjeb.

Jiddikjara li hu eventwalment, fl-1970 meta kellu 19-il sena, emigra lejn l-Awstralja b'dan li meta ġie lura għal-btala sentejn wara, fl-1972 it-triq kienet twessgħet iżda r-raba' ta' Vella kien għadu raba'.

Jgħid li meta ġie darb'ohra fuq btala fl-1988 sab li fuq parti mir-raba' ta' Vella kien hemm dar li fiha kienu jgħixu Carmelo Buttigieg u ibnu Saviour Buttigieg – ir-raġel u iben l-attriċi oriġinali Angiolina Buttigieg.

Jgħid li llum f'din id-dar li jisimha *"Canadian Comfort"* tgħix Rosie Buttigieg billi l-ġenituri tagħha ġew neqsin.

**Rosie Buttigieg**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[56]

Tiddikjara li n-nanniet materni tagħha, Toni u Rosa Vella, kellhom għaxar ti tfal. Tesibixxi arblu tar-razza.[57]

---

[54] Nota tal-atturi Rosie Buttigieg u Saviour Buttigieg tat-3 ta' Dicembru, 2024. Nota tal-Avv. Dr. Daniel Calleja bhala kuratur deputat tal-attur Joseph Vella tat-3 ta' Jannar, 2025.
[55] Affidavit a fol 496.
[56] Affidavit a fol 498 sa 503. L-affidavit gie rilaxxat bl-Ingliz b'dan li l-punti saljenti tieghu li ser jigu nkluzi f'din is-sintezi ser jigu tradotti ghal Malti min din il-Qorti.
[57] Arblu tar-razza a fol 504.

Tgħid li l-ġenituri tagħha lkoll twieldu l-Qala, Għawdex u żżewġu wkoll il-Qala fl-1959.[58]

Tgħid li n-nanniet materni tagħha lill ommha bħala dota tawha nofs il-porzjon art *"Tas-Salib"*. Iżżid li din l-art kienu xtrawha b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi li tiegħu diġà esibit kopja. Iżżid li tali art kienet ta' xi *sieghajn u nofs* allura ta' 562.20m.k. b'nofs l-istess huwa ta' 281.1m.k. li huwa l-qies li taw lill-ommha fit-testment *unica charta* tagħhom tal-5 ta' Novembru, 1960 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.

Tgħid li wara dan, parti sostanzjali tal-art *"Tas-Salib"* ittieħdet mil-Gvern ta' Malta għat-twessiegħ tat-triq.

Iżżid li fuq l-istess art illum hemm id-dar *"Canadian Comfort"* bi ġnien aġjaċenti li qabel kienet tal-ġenituri tagħha u llum hija tagħha. Tgħid li t-triq qabel kien jisimha Triq Wardija mentri llum jisimha Triq Patri Guzepp Portelli, Qala. Tgħid li l-bidla fl-isem tat-triq sar fis-sena 1988. Tesibixxi kopja tal-Gazzetta tal-Gvern numru 359 tas-17 ta' Mejju, 1988 li juri li seħħet din il-bidla fl-isem tat-triq.[59]

Tiddeskrivi kif ommha u missierha mexxew bl-applikazzjoni għal-iżvilupp u ffinanzjaw il-bini tad-dar tagħhom – issa tagħha – fuq l-art mogħtija lill-ommha bħala dota. Tesibixxi diversi dokumenti relatati ma' dan il-proċess.[60]

Tesibixxi diversi ritratti li juru dik li llum hija d-dar fejn tgħix hi, li nbniet fuq l-art mogħtija lill-ommha bħala dota mil-ġenituri ta' ommha Toni u Rosa Vella, kif ukoll dak li tiddeskrivi bħala l-ġnien agjacenti l-istess dar.[61]

Tgħid li fl-2006 ommha rreġistrat id-dar *"Canadian Comfort"* mar-Reġistru tal-Artijiet. Iżżid li wara dan ħut ommha ttentaw jirreġistraw il-

[58] Tezebixxi c-certifikat taz-zwieg taghhom a fol 505.
[59] Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern a fol 572 sa 574.
[60] Pjanti a fol 508 sa 513, applikazzjoni a fol 514, dokumenti dwar hlasijiet a fol 515 sa 520, kwtazzjonijiet a fol 526 sa 534. Tezebixxi wkoll sensiela ta' kontijiet tal-utilitajiet a fol 536 sa 571 u a fol 575 sa 591.
[61] Ritratti a fol 521 sa 525 u a fol 631 sa 633 kif ukoll a fol 637 u 643 sa 647.

ġardina ta' mad-dar f'isimhom u ommha waqfithom b'kawżjoni. Tesibixxi dokument dwar dan.[62]

**In kontro-eżami**, xehdet[63] li ommha hija waħda mill-werrieta universali ta' Toni u Rosa Vella.

Mistoqsija jekk l-art li fuqha bniet ommha tħallietx minn Toni Vella akkont tas-sehem tagħha mill-wirt, tgħid li tali art ingħatat lill-ommha bħala dota. Tgħid li l-kuntratti esibithom kollha mall-affidavit tagħha.

Mistoqsija jekk tafx li fit-tieni artikolu tat-testment ta' Rosa u Toni Vella hemm miktub li riedu jagħtu l-art b'dota lill-ommha iżda peress li ma sarx kuntratt qed ihallulha l-istess art li fuqha bniet id-dar tagħha akkont ta' sehemha mill-wirt, tgħid li l-art ingħatat fl-1959, is-sena li fiha żżewwġu ommha u missierha.

Riferuta għal-kopja tat-testment tal-5 ta' Novembru, 1960 a fol 12 tal-proċess, u għall-artikolu 2, li ġie moqri lilha, u mistoqsija jekk taqbilx li dik l-art trid tidhol fil-massa tal-wirt u tiġi stmata skont il-valur tagħha llum ai finijiet tal-qasma tgħid li ma' taċċettax li din tiġi kalkolata skont il-valur tallum.

Tgħid li skont id-dokumentazzjoni ma' kienx hemm bżonn għal dak li nqralha mill-artikolu 2 tat-testment għax l-art kienet diġà ingħatat lill-ġenituri tagħha.

Tgħid li hi qatt ma' ikkontestat il-validita' tat-testment iżda biss wirtet fl-2020.

Mistoqsija jekk taqbilx li l-art taħt id-dar ta' ommha ingħatat b'donazzjoni tgħid li nannitha lill ommha tagħha l-art kollha *"Tas-Salib"*. Iżżid li dan huwa skont il-kuntratt ta' Hili. Tgħid ukoll li wara dan il-Gvern ħa parti mill-art sabiex wesgħa t-triq.

Mistoqsija jekk tafx li bil-kuntratt ta' donazzjoni tat-3 ta' Ġunju, 1997 nannitha Rosa Vella ordnat lil-ommha – omm ix-xhud – sabiex meta jiġu biex jaqsmu l-wirt iġġib lura għal qasma dak li tagħha b'donazzjoni, tgħid li taħseb li l-kuntratt qed jiġi nterpretat ħażin.

[62] Affidavit a fol 648.
[63] Traskrizzjoni a fol 824 sa 833.

**Paul Xuereb**, ġar tal-attriċi Rosie Buttigieg, xehed permezz ta' affidavit.[64]

Jiddikjara li huwa għandu 73 sena – fl-2023 – u ilu jgħix qrib id-dar tal-attriċi Rosie b'dan li qabel kien għalhekk ġar tal-ġenituri tagħha Angiolina u Carmelo Buttigieg.

Jgħid li d-dar ta' residenza ta' Angiolina u Carmelo, jisimha *"Canadian Comfort"*, huwa dejjem jafha okkupata minnhom u uliedhom Saviour u Rosie. Jgħid li l-istess ir-raba' annessa ma' din id-dar li ġieli anke għin lill-konjuġi Buttigieg fix-xogħol relatat miegħu.

**Il-Psikjatra Dr. Chantelle Azzopardi**, mressqa in eskussjoni wara li fuq ordni tal-Qorti rrilaxxat relazzjoni rigward il-qagħda mentali tal-attur Joseph Vella,[65] xehdet[66] li sabiex irredigiet ir-rapport tagħha hija ltaqgħat mal-attur Joseph Vella darbtejn. Iżżid iżda li hija lill-istess Vella ilha tafu madwar 10 snin tul liema żmien ġieli anke ratu bħala pazjent.

Tgħid li waqt l-eżami kondott minnha Vella kien waħdu.

Taqbel li l-inkarigu tagħha kien dwar jekk Vella huwiex kapaċi joqod in ġudizzju mingħajr assistenza.

Tgħid li fejn hi poġġiet kweziti lill Vella dwar x'jaf fuq kawżi l-Qorti, proprjetà u donazzjonijiet li setgħa għamel dan kien fuq spunt li ħadet mid-dokumenti li ġew rezi disponibbli lilha mill-Qorti stess.

Iżżid li mill-Qorti hija ġiet provduta b'kopji tar-rikors ġuramentat u atti nutarili tal-25 ta' Novembru, 2020.

**Paul Dimech**, xehed[67] li huwa ntalab jippreżenta xi dokumenti.

[64] Affidavit a fol 649.
[65] Relazzjoni a fol 460 u 461.
[66] Traskrizzjoni a fol 651 sa 651c.
[67] Traskrizzjoni a fol 674a u 674b.

Jesibixxi permessi tal-1972 dwar proprjetà fi Triq il-Wardija, il-Qala u d-dettalji ta' minn applika għalihom.[68]

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed[69] li huwa ntalab jesibixxi kopja tad-dokumenti relattivi għal-applikazzjoni numru PA/05543/20.

Jesibixxi kopja tal-applikazzjoni li saret minn Angiolina Buttigieg għas-sit *"Canadian Comfort"* fi Triq Patri Guzepp Portelli, il-Qala,[70] *site plan*,[71] ritratti tas-sit,[72] kopja tal-permess datat is-7 ta' Ottubru, 2020,[73] u kopja tal-pjanti approvati.[74]

Jesibixxi wkoll kopja ta' applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni li preċediet il-permess numru PA/05543/20.[75]

**Dr. Miriam Rapa**, in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Artijiet, xehdet[76] li l-fond *"Canadian Comfort"* fi Triq Patri Guzepp Portelli, il-Qala, huwa rreġistrat f'isem Rosie Buttigieg li ilha hekk irreġistrata fuqu mill-24 ta' Mejju, 2006. Iżżid li m'hemm ebda kawżjonijiet dwar l-istess reġistrazzjoni.

Tesibixxi kopja taċ-ċertifikat ta' titolu.[77]

Dwar imbagħad il-proprjetajiet numri 88 u 89 Triq Wardija, il-Qala tgħid li dwar dawn hemm żewġ titoli b'parti rreġistrata fuq Mary Jane Formosa u fuqha saret kawżjoni minn Carmelo u Angiolina Buttigieg u oħra rreġistrata fuq Mary Jane Formosa u Antonella Njoku mingħajr kawżjonijiet fuqha.[78]

---

[68] Id-dokumenti jindikaw lill Carmelo Buttigieg bhala s-sid bil-permess jaqra *"erection of a dwelling house and a garage"*, *"Wardija Street"* a fol 675 sa 689.
[69] Traskrizzjoni a fol 690a sa 690c.
[70] Applikazzjoni a fol 690d sa 696.
[71] *Site plan* a fol 697.
[72] Ritratti a fol 698 sa 701.
[73] Permess a fol 703 sa 709.
[74] Pjanti a fol 710 sa 714.
[75] Applikazzjoni a fol 715 a 719 – inkluz in verso pagina.
[76] Traskrizzjoni a fol 720a sa 720c.
[77] Certifikat ta' titolu a fol 720 sa 724.
[78] Dokumenti a fol 725 sa 732.

Dwar il-fond 191 sa 194 fi Triq il-Wardija tgħid li dan huwa rreġistrat f'isem Saviour Buttigieg, Angela Vella, Michelle Vella, Joyce Vella, Mary Jane Formosa, Josephine Caruana, Paul Vella, Nazzareno Vella, Lawrence Vella, Joseph Vella, Rosie Judde, Carmen Turner, u Rosie Buttigieg. Iżżid li m'hemmx kawżjonijiet fuqu.[79]

Dwar id-diversi porzjonijiet raba' fi Triq Patri Guzepp Portelli tgħid li dawn għandhom żewġ titoli reġistrati wieħed dwar porzjon tal-kejl ta' 98m.k. f'isem Mary Jane Formosa b'kawżjoni fuqu minn Angiolina Buttigieg u Rosie Buttigieg u ieħor rreġistrat fuq Angela Vella, Michelle Vella, Joyce Vella, Mary Jane Formosa, Nazzareno Vella, Paul Vella, Joseph Vella, Lawrence Vella, Josephine Caruana, Carmen Turner, Rosie Judde, Rosie Buttigieg, u Angela Buttigieg b'kawżjoni fuqu minn Angela Buttigieg.[80]

**In kontro-eżami**, xehdet[81] li l-proprjeta' *"Canadian Comfort"* ġiet irreġistrata abbażi ta' testment, wirt minn Angiolina Buttigieg wara l-mewt ta' Toni Vella fuq is-saħħa ta' żewġ testmenti wieħed tal-5 ta' Novembru, 1960 u ieħor tas-27 ta' Novembru, 1971.

Tgħid li kopja tal-kawżjonijiet li saru minn Angiolina Buttigieg m'għandix u ma' tafx abbażi ta' xiex saru l-istess. Tobbliga ruħha li tesibixxi kopja tal-istess li tesibixxi b'nota tat-22 ta' Marzu, 2023.[82]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Din hija deċiżjoni parzjali oħra wara dik diġà mogħtija nhar is-26 ta' April, 2024 dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.[83]

Din id-darba, id-deċiżjoni qiegħda tingħata dwar il-konsistenza tal-assi formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti Anthony sive Toni u Rosina sive Rosa konjuġi Vella u dan ai termini ta' dak li ġie vverbalizzat mid-

[79] Dokumenti a fol 733 sa 767.
[80] Dokumenti a fol 768 sa 798.
[81] Traskrizzjoni a fol 720c sa 720f.
[82] Nota a fol 802 b'dokumenti a fol 803 sa 823.
[83] Kopja a fol 923 *et seq.*

difensuri tal-atturi għajr l-inabilitat Joseph Vella, tal-konvenuti, u tal-kjamata in kawża fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2024.[84]

Il-qbiel tal-inabilitat attur Joseph Vella kif debitament rappreżentat mill-kuratur deputat tiegħu li tingħata din id-deċiżjoni in parte jsorġi kemm minn-nota tiegħu tas-7 ta' Novembru, 2024 kif ukoll mill-preżentazzjoni da parti tiegħu ta' nota tal-osservazzjonijiet finali dwar dan il-mertu.[85]

Din id-deċiżjoni in parte twassal ukoll sabiex effettivament jiġu deċiżi u disposti l-ewwel (1), it-tielet (3), u d-disgħa (9) talbiet atturi kif iccitati *verbatim* hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Tul l-andament tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni odjerna, il-partijiet kontendenti esibew varji dokumenti u għamlu diversi atti ġudizzjarji b'sottomissjonijiet dwar dawk li skonthom huma l-assi formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti Toni u Rosa konjuġi Vella.

*In primis*, il-partijiet atturi esibew id-dikjarazzjonijiet *causa mortis* kemm ta' Toni Vella kif ukoll ta' martu Rosa Vella. Dawn l-istess huma varji.

**Fil-kaz ta' Toni Vella**, bin il-mejtin Michael sive Mikieli u Ursola née Xerri, li twieled u kien residenti l-Qala, Għawdex, u għadda għal-hajja aħjar nhar is-16 ta' Novembru, 1983,[86] ġew esibiti tlett (3) denunzji: [**i**] dik numru G32/84 tat-23 ta' Jannar, 1984;[87] [**ii**] dik numru G196/93 tal-10 ta' Ġunju, 1993,[88] u; [**iii**] dik numru G41/94 tat-22 ta' Frar, 1994.[89]

**L-ewwel denunzja – numru G32/84** – saret minn martu Rosa Vella.[90]

Hawnhekk, oltre għad-dikjarazzjoni ta' minn kienu l-eredi tal-istess Toni Vella – martu Rosa u l-għaxar (10) ulied tiegħu Michael sive Kelinu,

[84] Verbal a fol 961 u 962.
[85] Nota a fol 963. Nota tal-osservazzjonijiet finali tat-3 ta' Jannar, 2025.
[86] Certifikat tal-mewt numru 312/1983 a fol 10.
[87] Denunzja a fol 23 sa 27.
[88] Denunzja a fol 28 sa 30.
[89] Denunzja a fol 31 sa 35.
[90] Ref.: isimha, dettalji taghha, u firma taghha permezz ta' salib - kif jirrizulta mill-atti li kienet debitament tiffirma stante li ma' kienitx taf tikteb – fil-pagna tad-denunzja li tinsab a fol 27.

Angiolina sive Angela, Nazzareno, Lawrence sive Wenzu, Angelo sive Anglu, Josephine sive Guza, Paul sive Pawlu, Joseph sive Guzepp, Mary Jane sive Marigwann, u Ursola – sar elenku tal-proprjeta' li skond id-denunzjatrici martu kienet tiegħu. Tali elenku[91] jiddistingwi l-proprjetajiet immobbli mir-raba' kif isegwi:

Proprjetajiet immobbli:

i. Id-dar numru 193, fi Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex b'ġardina retrostanti;
ii. Id-dar numru 88, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex bl-aċċess għalija huwa minn sqaq – kwart - ¼ - ta' liema kienet għandu qabel iż-żwieġ bir-rimanenti nxtara waqt iż-żwieġ.[92]

Raba':

iii. Żewġ sieghan u nofs tal-"Mehba l-Qala", konfinanti Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella, Tramuntana ma' passaġġ fir-raba', u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Leli Bartolo;
iv. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", konfinanti Punent ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Tramuntana ma' passaġġ fir-raba' u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Leli Bartolo;
v. Żewġ sieghan u nofs tal-"Mehba l-Qala", tmiss [*omissis*] ma' mogħdija fir-raba', Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella [*omissis*] ma' ta' Guzepp Vella;
vi. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella, Nofsinhar ma' passaġġ fir-raba', u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Mikiel Camilleri;
vii. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", tmiss Tramuntana ma' mogħdija fir-raba', Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella;
viii. Żewġ sieghan u nofs tan-"Nigret il-Qala", tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Mikiel Camilleri;
ix. Sieh u nofs tan-"Nigret il-Qala", tmiss Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Mizzi, Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Francis Buttigieg;

[91] Elenku a fol 25 u 26.
[92] Skond il-kitba li tinsab a fol 25 fuq l-istess denunzja, ref.: it-tieni paragrafu.

Ir-raba' mnissel mill-paragrafu tlieta (iii) sa dak disgħa (ix) *"hu kollu fi green area"*.[93]

x. Tmintax (18)-il kejla tas-"Sebh il-Qala", tmiss Punent ma' Triq Wardija, Lvant u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Francis Xuereb, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Francis Buttigieg.

L-aħħar porzjon raba' mnissla fil-paragrafu għaxra (x) bħala *"tajba ghal-bini"*.[94]

**It-tieni denunzja – numru G196/93** – ukoll saret minn martu, Rosa Vella.[95]

Din id-denunzja, fil-parti relattiva għad-dikjarazzjoni dwar l-eredi tad-*decujus*, irreferit għad-denunjza li ppreceditha bil-kliem *"vide 32/84"*.[96] Kompliet imbagħad sabiex iddikjarat:

*Mal-beni gia dikjarati ghandu jizdied is-segwenti:*

*Nofs indiviz ta' bicca art tal-kejl ta' cirka 238 metri kwadri u konfinanti mit-Tramuntana ma' sqaq li jinfed ghal-Triq Wardija, Lvant ma' beni ta' Giuseppa Xerri, u Punent beni ta' Salvu Cutajar, libera u franka.*

*Fuq din l-art bint id-decujus Ursola mart Pawlu Buttigieg bniet interament a spejjes taghha u bil-kunsens tal-istess decujus u martu dar tal-abitazzjoni taghha.*

**It-tielet denunzja – numru G41/94** – saret minn bint Toni Vella, Mary Jane Formosa.[97]

Din id-denunzja, fil-parti relattiva għad-dikjarazzjoni dwar l-eredi tad-*decujus*, irreferiet għad-denunjzi li ppreceddewha bil-kliem *"add* [*omissis*]

93 Ref.: dikjarazzjoni a fol 26 tad-denunzja.
94 Ref.: dikjarazzjoni a fol 26 tad-denunzja.
95 Ref.: isimha, dettalji taghha, u firma taghha permezz ta' salib - kif jirrizulta mill-atti li kienet debitament tiffirma stante li ma' kienitx taf tikteb – fil-pagna tad-denunzja a fol 30.
96 Kliem iccitat mill-fol 28.
97 Ref.: isimha, dettalji taghha, u firma taghha lkoll fil-pagna tad-denunzja a fol 34.

G32/84 G196/93".[98] Kompliet imbagħad sabiex żidet is-segwenti assi bħala *"denunzja addizzjonali"*:[99]

i. Biċċa raba' "Ta' Fuq il-Gebel" fil-Qala, *"fiha xi tlett kejliet"*,[100] tmiss Punent ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Anglu Mizzi, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Xerri, u Tramuntana ma' proprjeta' ta' Franca Cutajar;
ii. Biċċa raba' ta' madwar sieh, kontrada "Ta' Mejlaq", il-Qala, tmiss Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, irjieħ oħra sidien mhux magħrufa;
iii. Biċċa raba' "Ta' Muxi", ta' madwar sieh, tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' sqaq fir-raba', irjieħ oħrajn sidien mhux magħrufa;
iv. Biċċa raba' ta' madwar sieh, "Tal-Qortin", il-Qala, tmiss Punent ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Guzepp Mizzi, irjieħ oħrajn sidien mhux magħrufa.

L-erbgħa (4) porzjonijiet raba' jinsabu lkoll fi *"green area"*.[101]

Mill-assjem ta' dan jitnissel għalhekk li **l-massa tal-proprjeta' ta' Toni Vella kienet tikkomprendi**:

***Proprjetajiet immobbli:***

i. Id-dar numru 193, fi Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex b'ġardina retrostanti;
ii. Porzjon mid-dar numru 88, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex bl-aċċess għalija huwa minn sqaq – kwart - ¼ - ta' liema kienet għandu qabel iż-żwieġ bir-rimanenti nxtara waqt iż-żwieġ.[102]

***Raba':***

iii. Żewġ sieghan u nofs tal-"Mehba l-Qala", konfinanti Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella,

[98] Kliem iccitat mill-fol 31.
[99] Kliem iccitat mill-fol 33.
[100] Kliem iccitat minn fol 33.
[101] Ref.: kitba a fol 33.
[102] Skond il-kitba li tinsab a fol 25 fuq l-istess denuznja.

Tramuntana ma' passaġġ fir-raba', u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Leli Bartolo;

iv. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", konfinanti Punent ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Tramuntana ma' passaġġ fir-raba' u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Leli Bartolo;

v. Żewġ sieghan u nofs tal-"Mehba l-Qala", tmiss [*omissis*] ma' mogħdija fir-raba', Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella [*omissis*] ma' ta' Guzepp Vella;

vi. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella, Nofsinhar ma' passaġġ fir-raba', u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Mikiel Camilleri;

vii. Sieh raba' tal-"Mehba l-Qala", tmiss Tramuntana ma' mogħdija fir-raba', Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Vella;

viii. Żewġ sieghan u nofs tan-"Nigret il-Qala", tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Mikiel Camilleri;

ix. Sieh u nofs tan-"Nigret il-Qala", tmiss Lvant ma' proprjeta' ta' Salvu Mizzi, Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Francis Buttigieg;

Ir-raba' mnissel mill-paragrafu tlieta (iii) sa dak disgħa (ix) dikjarat bħala li jinsab *"kollu fi green area"*;[103]

x. Tmintax (18)-il kejla tas-"Sebh il-Qala", tmiss Punent ma' Triq Wardija, Lvant u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Francis Xuereb, u [*omissis*] ma' proprjeta' ta' Francis Buttigieg;

Il-porzjon raba' mnissla fil-paragrafu għaxra (x) dikjarata bħala *"tajba ghal-bini"*.[104]

---

[103] Ref.: dikjarazzjoni a fol 26 tad-denunzja.
[104] Ref.: dikjarazzjoni a fol 26 tad-denunzja.

xi. Nofs indiviz ta' biċċa art tal-kejl ta' ċirka 238 metri kwadri u konfinanti mit-Tramuntana ma' sqaq li jinfed għal-Triq Wardija, Lvant ma' beni ta' Giuseppa Xerri, u Punent beni ta' Salvu Cutajar, libera u franka. Fuq din l-art bint id-decujus Ursola mart Pawlu Buttigieg bniet interament a spejjes tagħha u bil-kunsens tal-istess decujus u martu dar tal-abitazzjoni tagħha;

xii. *"xi tlett kejliet"*[105] raba' "Ta' Fuq il-Gebel" fil-Qala, tmiss Punent ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Anglu Mizzi, Lvant ma' proprjeta' ta' Guzepp Xerri, u Tramuntana ma' proprjeta' ta' Franca Cutajar;

xiii. Madwar sieh raba' fil-kontrada "Ta' Mejlaq", il-Qala, tmiss Punent ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, irjieħ oħra sidien mhux magħrufa;

xiv. Madwar sieh raba' "Ta' Muxi", tmiss Tramuntana ma' proprjeta' ta' Salvu Vella, Lvant ma' sqaq fir-raba', irjieħ oħrajn sidien mhux magħrufa;

xv. Madwar sieh raba' "Tal-Qortin", il-Qala, tmiss Punent ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Guzepp Mizzi, irjieħ oħrajn sidien mhux magħrufa.

L-erbgħa (4) porzjonijiet raba' imnissla fil-paragrafi (xii) sa (xv) jinsabu lkoll fi *"green area"*.[106]

**Fil-każ ta' Rosa Vella** née Bonello, bint Lorenzo sive Laurence sive Wenzu Bonello u Angela née Camilleri, li twieldet in-Nadur u kienet residenti l-Qala, Għawdex u għaddiet għal-hajja aħjar nhar it-2 ta' Ġunju, 1999,[107] ġiet esibita denunzja tal-1 ta' Diċembru, 1999 in atti Nutar Mariosa Grech.[108]

Din l-istess saret minn bintha Mary Jane Formosa li ddikjarat li kienet qed tiddenunzja l-eredita' ta' ommha *"kemm f'isimha proprio kif ukoll fl-isem u fl-interess tas-segwenti li minnhom hija tiddikjara illi hija verbalment awtorizzata: Joseph* [...], *Michael* [...], *Nazzareno* [...], *Laurence* [...],

[105] Kliem iccitat minn fol 33.
[106] Ref.: kitba a fol 33.
[107] Certifikat tal-mewt numru 185/1999 a fol 11.
[108] Denunzja a fol 36 sa 38.

*Josephine mart Fortunato Caruana u Paul* […], *ahwa Vella ulied il-mejtin Anthony Vella u Rosa nee' Bonello* […]; *kif ukoll fl-isem u l-interess ta' Anthony* […] *u Cindy mart Jonathan Camilleri, ahwa Vella wlied il-mejjet Angelo Vella u Rita nee' Falzon".*

Mary Jane Formosa ddikjarat għalhekk li sabiex tagħmel id-denunzja ta' ommha kienet qiegħda tidher kemm f'isimha proprio kif ukoll f'isem ħutha lkoll għajr f'isem oħtha Angiolina Buttigieg – attriċi oriġinali fil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni – u oħtha Ursola Buttigieg – li dakinhar kienet diġà naqqset stante li għaddiet għal-hajja aħjar nhar l-10 ta' Marzu, 1997.[109]

Id-denunzja tipprosegwi mbagħad sabiex telenka l-massa tal-proprjeta' ta' Rosa Vella bħala:

i. Kwart – ¼ - indiviż mid-dar numru 32, Triq il-Mithna l-Qadima, in-Nadur, Għawdex, bil-mandretta żgħira magħha annessa minn wara;
ii. Nofs – ½ - diviż minn porzjon diviża ta' biċċa raba' magħrufa bħala "Tas-Salib", Triq Patri Guzepp Portelli, il-Qala, Għawdex – dan is-sehem tal-kejl ta' cirka 98m.k. u konfinanti Lbicc mat-triq, Xlokk u Majjistral ma' beni ta' Francis Xuereb, jew irjieħ verjuri;
iii. Nofs – ½ - indiviż mill-fond numru 88, Triq Wardija, il-Qala, Għawdex, parti minnu sovrastanti għal beni ta' terzi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-partijiet kontendenti ma' waqfux biss fuq id-denunzji tal-mejtin Toni u Rosa konjuġi Vella sabiex jistabbilixxu fix tikkonsisti l-massa ereditarja tal-istess konjuġi Vella.

Infatti, u kif diġà ingħad; tul l-andament tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni huma ressqu diversi atti ġudizzjarji spjegattivi li skonthom jelenkaw u jispjegaw tali massa ereditarja.

L-ewwel tali nota saret mill-atturi għajr l-attur Joseph Vella nhar il-11 ta' Jannar, 2022.[110] Din ġiet iżda sostiwita b'nota oħra tal-atturi li saret fil-5

[109] Data tal-mewt li temani mid-denunzja tal-istess Ursola ezabita a fol 39 *et seq.*
[110] Nota a fol 381 *et seq.*

ta' April, 2022,[111] wara l-ewwel nota tal-konvenuti li saret fit-2 ta' Frar, 2022.[112]

Dawn l-ewwel żewġ noti sejrin għalhekk jiġu kkunsidrati fil-manjiera li l-aktar tagħmel sens, stante li l-ewwel nota tal-konvenuti tirreferi għal dik tal-atturi kif sostitwita.

*Limitatment dwar il-konsistenza tal-assi formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti konjugi Toni u Rosa Vella:*

**Fl-ewwel nota ta' l-atturi**, l-atturi elenkaw bħala proprjeta' in diviżjoni s-segwenti:

i. Porzjon art ta' ċirka 130m.k. – ekwivalenti għal 7 kejliet – akkwistat matul iż-żwieġ bejn Toni u Rosa konjuġi Vella b'kuntratt ta' kompravendita' tal-11 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil[113] u għalhekk appartenenti in kwantu għal nofs indiviż lill Toni u n-nofs indiviż l-ieħor lill Rosa;
ii. Porzjon art ta' ċirka 281m.k. – ekwivalenti għal siegh u nofs – akkwistat matul iż-żwieġ bejn Toni u Rosa konjuġi Vella b'kuntratt ta' kompravendita' tas-16 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil[114] u għalhekk appartenenti in kwantu għal nofs indiviż lill Toni u n-nofs indiviż l-ieħor lill Rosa;
iii. Lok ta' djar precedentement numru 88, gja numru 61, bil-ġardina tal-kejl ta' ċirka 93m.k. – ekwivalenti għal nofs siegh – annessa miegħu, akkwistat minn Toni Vella b'kuntratt ta' diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu tat-22 ta' Mejju, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi[115] allura unikament appartenenti lill-istess Toni Vella;
iv. Parti diviża mil-lok ta' djar gja numru 146, illum bin-numri 191 sa 194, Triq il-Wardija b'ġardina annessa miegħu. L-art kollha, kompriża dik taħt il-bini, tal-kejl ta' ċirka 300m.k. ekwivalenti għal siegh u sitt kejliet akkwistat b'diviżjoni ta' wirt tal-ġenituri ta' Toni Vella tat-2 ta' April, 1947 in atti Nutar Giuseppe Cauchi[116] allura unikament appartenenti lill-istess Toni Vella;

[111] Nota a fol 416 *et seq.*
[112] Nota a fol 398 *et seq.*
[113] Kuntratt a fol 327 *et seq.* Il-konjugi Vella izzewgu fil-15 ta' Jannar, 1938 – ara d-dikjarazzjoni dwar dan fl-ewwel pagna ta l-ewwel denunzja ta' Toni Vella a fol 23.
[114] Kuntratt a fol 332 *et seq.*
[115] Kuntratt ta' divizjoni a fol 338 *et seq.*
[116] Kuntratt ta' divizjoni a fol 305 *et seq.*

v. Parti diviża mir-raba' "Tas-Salib", il-Qala, Għawdex tal-kejl ta' ċirka 98m.k. akkwistata matul iż-żwieġ permezz ta' kuntratt ta' kompravendita' tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi[117] u għalhekk appartenenti in kwantu għal nofs indiviż lill Toni u n-nofs indiviż l-ieħor lill Rosa;

vi. Porzjonijiet varji ta' raba' agrikola fil-limiti tal-Qala Għawdex, ilkoll percepiti minn Toni Vella b'diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu skond l-atti ta' diviżjoni tat-2 ta' April, 1947 u tat-22 ta' Mejju, 1979, in atti Nutar Giuseppe Cauchi. Għaldaqstant dawn huma lkoll proprjetajiet parafernali ta' Toni Vella. Dawn l-artijiet huma s-segwenti:
   a. Porzjon tan-"Nigriet" ta' ċirka 737.1m.k.;
   b. Porzjon tan-"Nigriet" ta' ċirka 191m.k.;
   c. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 571m.k.;
   d. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 521m.k.;
   e. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 155m.k.;
   f. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 304m.k.;
   g. Porzjon "Il-Qawra ta' Berqa" sive "Il-Qortin ta' Fuq" ta' ċirka 356.4m.k.

**Fl-ewwel nota tal-konvenuti**, li saret b'mod responsiv għal dik tal-atturi, il-konvenuti ddikjaraw li:

i. Hemm qbil li l-porzjonijiet art tal-kejl ta' 130m.k. u 281m.k. fi Triq il-Wardija, il-Qala ġew akkwistati bil-kuntratti tal-11 ta' April, 1957 u tas-16 ta' April, 1957, it-tnejn in atti Nutar John Busuttil;

ii. Hemm qbil li l-lok ta' djar numru 88, gja numru 61, Triq il-Wardija, il-Qala huwa provenjenti mill-wirt tal-ġenituri ta' Toni Vella. Żidu iżda li stante li tħallset ekwiparazzjoni minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti, l-akkwist għandu jidħol fil-massa ereditarja taż-żewġ konjuġi Vella;

iii. Dwar il-lok ta' djar bin-numri 191 sa 194, jgħidu li hemm qbiel li l-istess hi għall-qasma ugwalment bejn l-eredi;

iv. Hemm qbil li l-art "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli, il-Qala, kienet akkwistata fiż-żwieġ bejn Toni u Rosa konjuġi Vella b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi;

[117] Kuntratt a fol 324 *et seq.*

v. Hemm qbiel dwar il-konsistenza tar-raba' agrikolu mhux fabbrikabbli tan-"Nigret" ta' ċirka 737.1m.k.; tan-"Nigret" ta' ċirka 191m.k.; "Tal-Mehba" ta' ċirka 571m.k.; "Tal-Mehba" ta' ċirka 521m.k.; "Tal-Mehba" ta' ċirka 155m.k.; "Tal-Mehba" ta' ċirka 304m.k.; "Il-Qawra ta' Berqa" sive "Il-Qortin ta' Fuq" ta' ċirka 356.4m.k.

Wara tali żewġ (2) noti tal-partijiet atturi u konvenuti, saru mbagħad xi sottomissjonijiet ulterjuri kif elenkat hawn:

B'risposta għal-verbal magħmul mid-difensur tal-atturi lkoll għajr l-attur Joseph Vella,[118] il-konvenuti għamlu dikjarazzjonijiet addizzjonali relattivi għal-proprjetajiet talvolta elenkati minn kull parti kontendenti bħala formanti parti l-konsistenza tal-assi tad-defunti konjuġi Toni u Rosa Vella. Dan permezz tar-risposta tagħhom tat-8 ta' Frar, 2023[119] fejn iddikjaraw:

*Illi dwar il-konsistenza tal-assi huma biss tnejn mill-proprjetajiet li dwarhom m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-konsistenza taghhom li ghandha tidhol fil-qasma, u cjoe:*

*i. L-art msejha "tas-Salib", illum tinsab fi Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, li fuq parti minn din l-art bniet id-dar taghha Angiolina Buttigieg, illum mejta, omm l-attrici l-ohra Rosie Buttigieg, liema porzjon kienet giet imhollija lilha akkont ta' sehemha mill-wirt tal-genituri taghha, u ghalhekk din l-art ta' taht id-dar trid tigi stmata bil-prezz tallum. Il-konvenuti m'ghandhom ebda pretensjoni fuq il-benefikati li saru fuq din l-art minn Angiolina Buttigieg;*

*ii. L-art bil-bini fi Triq Wardija, Qala, li fuqha saru xi benefikati mill-konvenuta Mary Jane Formosa a spejjez taghha. Fejn saru il-benefikati mill-konvenuta Mary Jane Formosa kien gie assenjat lil ulied Ursola Buttigieg mill-eredi l-ohra a saldu tas-sehem taghhom mill-wirt ta' Anthony Vella u b'donazzjoni lilhom minn Rosa Vella a saldu tas-sehem taghhom fuq il-wirt taghha, li sussegwentement bieghu l-proprjeta' lill-konvenuta Mary Jane Formosa.*

[118] Verbal a fol 651 u 652.
[119] Risposta a fol 653 u 654.

*M'hemmx kwistjonijiet ohra fuq il-bqija tal-assi.*

**Bit-tieni nota tagħhom,[120] il-konvenuti** iddikjaraw li:

i. L-art "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli, gja Triq il-Wardija, il-Qala, ġiet akkwistata minn Toni Vella fiż-żwieġ b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[121] Skont it-tali kuntratt l-art fiha kejl ta' żewġ sieghan u nofs pari għal 470m.k. Fuq nofs din l-art li tiġi fuq in-naħa tat-Tramuntana bniet id-dar tagħha Angiolina Buttigieg. Dan in-nofs diviż Angiolina akkwistatu in kwantu għal kwart – ¼ - indiviż b'legat akkont ta' sehemha mill-wirt ta' Toni Vella bit-testment tiegħu tal-5 ta' Novembru, 1960 in atti Nutar Giuseppe Cauchi, u; in kwantu għal kwart – ¼ - indiviż l-ieħor b'donazzjoni mingħand Rosa Vella b'kuntratt tat-3 ta' Ġunju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili bl-obbligu tal-imputazzjoni. Iżidu li hawn japplika l-Artikolu 1002 tal-Kap. 16. Iżidu li mbagħad, kwart – ¼ - diviż minn nofs – ½ - diviż l-ieħor tal-għalqa spettanti lill Rosa Vella ġie mholli b'legat lill Mary Jane Formosa barra minn sehemha b'testment tas-26 ta' Settembru, 1997 in atti Nutar Mariosa Grech. Iżidu li jibqa' għalhekk il-kwart – ¼ - diviż minn nofs – ½ - diviż l-ieħor, spettanti lill-eredita' ta' Toni Vella u li jiġi man-naħa ta' Nofsinhar tad-dar ta' Angiolina Buttigieg li jrid jinqasam bejn l-eredi ta' Toni Vella ħlief għal ulied Ursola Buttigieg – ossia l-konvenuti Rosie Judde u Carmen Turner billi dawn irċevew sehemhom a saldu bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo – u dan fi kwoti ugwali bejniethom.

ii. Id-dar 191 – 194, Triq il-Wardija, il-Qala, preveniet lill-partijiet mill-wirt ta' Toni Vella u trid għalhekk tinqasam bejn l-eredi tal-istess Toni Vella għajr ulied Ursula Buttigieg fi kwoti ugwali bejniethom. Din id-dar hija suġġetta għall-użufrutt *vita durante* favur l-attur Joseph Vella;

iii. Iż-żewġ ti djar numri 88 u 89, Triq il-Wardija, il-Qala nbnew fuq art akkwistata in kwantu għall-kejl ta' 130m.k. fiż-żwieġ b'kuntratt tal-11 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil; in kwantu għall-kejl ta' 281m.k. fiż-żwieġ b'kuntratt tas-16 ta' April, 1957 in atti Nutar

[120] Nota a fol 851 *et seq.*
[121] Kopja tal-kuntratti in atti a fol 324 *et seq* u ghal darb'ohra a fol 854 *et seq.*

John Busuttil, u; in kwantu għall-lok ta' djar numru 88, gja numru 61, bil-ġardina tal-kejl ta' ċirka 93m.k. b'kuntratt tat-22 ta' Mejju, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi. Żidu li għalkemm id-dar numru 88 ġiet assenjata lill Toni Vella f'diviżjoni, huwa ħallas ekwiparazzjoni bi flus tal-komunjoni u għalhekk irid jiġi determinat jekk il-fond jaqax fil-komunjoni tal-akkwisti jew le. Żidu wkoll li sehem Rosa Vella mill-fond numru 88 ġie mholli bi prelegat mill-istess Rosa lill-konvenuta Mary Jane Formosa bit-testment tad-9 ta' Mejju, 1998 in atti Nutar Mariosa Grech. Dwar id-donazzjoni tan-nofs – ½ - indiviż tal-art ta' taħt il-fond numru 89 lill-eredi ta' Ursula Buttigieg, cjoe Roise Judde u Carmen Turner, li saret minn Rosa Vella; tali donazzjoni trid tidhol bħala assenjazzjoni akkont u mhux a saldu u bħala trasferiment jibqa' xorta validu. Dwar in-nofs – ½ - indiviż spettanti lill-eredita' ta' Toni Vella dan ġie assenjat lill-konvenuti Rosie Judde u Carmen Turner a saldu tas-sehem tagħhom mill-wirt tiegħu bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo.

iv. Dwar il-biċċiet raba' mhux zviluppabbli hemm qbil dwar il-konsistenza tagħhom u li huma lkoll provenjenti mill-wirt ta' Toni Vella u jridu jinqasmu bejn l-eredi kollha tiegħu għajr għal ulied Ursola Buttigieg fi kwoti ugwali bejniethom.

**B'risposta tagħhom għat-tali nota tal-konvenuti**,[122] l-atturi ddikjaraw li:

i. Rigward l-art "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli gja Triq il-Wardija, il-Qala, mhuwiex kontestat li din inxtrat minn Toni Vella waqt iż-żwieġ tiegħu ma' Rosa Vella u dan b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi, bil-kejl indikat fuq tali kuntratt kien ta' ċirka sieghan u nofs pari għal 495m.k. Żidu li anqas hu kontestat li fuq nofs l-istess art – in-nofs fuq it-Tramuntana – l-attriċi Angiolina Buttigieg (illum mejta) flimkien ma' żewġha Carmelo Buttigieg (illum ukoll mejjet) bnew id-dar matrimonjali tagħhom bl-isem *"Canadian Comfort"*. Jgħidu iżda li tali dar bil-ġnien magħha ma' tifformax parti mill-massa ereditarja in diviżjoni u dan stante l-preskrizzjoni favur il-konjuġi Buttigieg li ilhom fl-istess dar 'il fuq minn erbgħin sena. Żidu li l-konvenuta

[122] Risposta a fol 901 *et seq.*

Mary Jane Formosa stess, fid-denunzja tal-mewt ta' ommha Rosa Vella tal-1 ta' Diċembru, 1999 in atti Nutar Mariosa Grech, iddikjarat li bħala proprjeta' minn din l-art "Tas-Salib" Rosa Vella kien fadlilha biss nofs indiviż minn porzjon diviża ta' biċċa raba' magħrufa "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli, il-Qala, Għawdex, tali sehem tal-kejl ta' ċirka 98m.k.

ii. Rigward id-dar 191 – 194 Triq il-Wardija, Il-Qala, li qabel kellu n-numru 146 bil-ġardina miegħu tal-kejl kumplessiv ta' siegh u tlett kejliet pari għal 300m.k., hemm qbil li dan kien akkwistat minn Toni Vella b'att ta' diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu datat it-2 ta' April, 1947 in atti Nutar Giuseppe Cauchi. Għalhekk din il-proprjeta' hija formanti parti mill-eredita' ta' Toni Vella in diviżjoni.

iii. Rigward il-fond 88 u 89, Triq il-Wardija, il-Qala, hemm qbil li dawn kienu ġew akkwistati fi tlett partijiet, iżda m'hemmx qbil dwar il-konfini u minn kienu l-akkwirenti. Żidu li għalkemm hawn tħallset ekwiparazzjoni minn Toni Vella fiż-żwieġ, semmai Rosa Vella hija ntitolata għal-kreditu fil-valur ta' nofs l-ammont mħallas.

iv. Rigward ir-raba' mhux tajjeb għall-iżvilupp, jaqblu li dawn huma formanti l-patrimonju ta' Toni Vella in diviżjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Minn dak kollu suespost rigward il-proprjetajiet li tnisslu mill-wirt tal-konjuġi Toni u Rosa Vella, jirrizulta għalhekk li:

**<u>A</u>**.
Il-partijiet lkoll jaqblu dwar is-segwenti proprjetajiet bħala parafernali ta' Toni Vella:

vii. **Porzjonijiet varji ta' raba' agrikola fil-limiti tal-Qala Għawdex**, ilkoll percepiti minn Toni Vella b'diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu skond l-atti ta' diviżjoni tat-2 ta' April, 1947 u tat-22 ta' Mejju, 1979, it-tnejn in atti Nutar Giuseppe Cauchi. Għaldaqstant dawn huma lkoll proprjetajiet parafernali ta' Toni Vella. Dawn l-artijiet huma s-segwenti:

a. Porzjon tan-"Nigret il-Qala" ta' ċirka 737.1m.k.;
b. Porzjon tan-"Nigret il-Qala" ta' ċirka 191m.k.;
c. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 571m.k.;
d. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 521m.k.;
e. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 155m.k.;
f. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 304m.k.;
g. Porzjon raba' "Il-Qawra ta' Berqa" sive "Il-Qortin ta' Fuq" ta' ċirka 356.4m.k.

**Parti diviża mil-lok ta' djar numru 191 – 194, gja numru 146, Triq il-Wardija, il-Qala b'ġardina miegħu.** Il-kejl ta' l-intier tal-art – inkluż il-parti bil-bini fuqha – huwa ta' 300m.k., pari għal siegh u sitt kejliet, suġġett ghas-servitu' tal-*altius non tollendi* u, skond it-testment *unica charta* tal-konjuġi Toni u Rosa Vella datat is-27 ta' Novembru, 1971 in atti Nutar Giuseppe Cauchi; suġġett għall-użufrutt favur l-attur Joseph Vella *vita durante*.

Il-partijiet ilkoll jaqblu li din l-istess proprjeta' ġiet akkwistata b'att ta' diviżjoni tat-2 ta' April, 1947 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[123]

**B**.
Il-partijiet iżidu mbagħad is-segwenti dwar ir-rimanenti proprjetajiet minnhom identifikati bħala appartanenti lill-massa ereditarja tal-konjuġi Toni u Rosa Vella iżda fejn bejniethom m'hemmx qbiel dwar [i] jekk tali kienux parafernali ta' Toni jew tal-komunjoni tal-assi gja eżistenti bejn Toni u Rosa, u; [ii] kif l-istess ġew trasferiti lill-uħud fosthom, u l-validita' ta' tali trasferimenti:

**Porzjon art tal-kejl ta' 130m.k.,** pari għal 7 kejliet, Triq il-Wardija, il-Qala:

Il-partijiet jaqblu li tali art ġiet akkwistata permezz tal-kuntratt ta' kompravendita' tal-11 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil fiż-żwieġ. Jaqblu għalhekk li l-istess art kienet tappartjeni nofs bin-nofs lill-konjuġi Toni u Rosa Vella.[124]

[123] Ref.: *inter alia*, it-tielet pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 419, kif ukoll in-nota ulterjuri tal-konvenuti tal-15 ta' Gunju 2023 a fol 851 *et seq*.
[124] Ref.: *inter alia*, l-ewwel pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 417, kif ukoll l-ewwel pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 398.

**L-atturi** jżidu iżda li l-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo li jolqot tali proprjeta' għaliex bih Rosa Vella donat lill-eredi ta' Ursola Buttigieg (Carmen Turner u Rosie Judde) parti minn din il-proprjeta' huwa nvalidu.[125]

**Il-konvenuti**, da parti tagħhom, jgħidu li l-kuntratt ta' donazzjoni bejn Rosa Vella u l-eredi ta' Ursola Buttigieg, Carmen Turner u Rosie Judde huwa validu billi f'ħajjitha Rosa kellha kull dritt tittrasferixxi proprjeta' tagħha kif riedet, anke billi torbot tali trasferiment mal-wirt tagħha nkluż billi tassenjah akkont jew in total sodisfazzjon. Iżidu li l-istess proprjeta' kienet tħalliet b'legat lill-istess Ursola Buttigieg b'tali legat tilef l-effetti tiegħu mat-trasferiment *inter vivos*.[126]

**<u>Porzjon art tal-kejl ta' 281m.k.</u>**, pari għal siegh u nofs, Triq il-Wardija, il-Qala:

Il-partijiet lkoll jaqblu li din ġiet akkwistata in forza ta' kuntratt ta' kompravendita' tas-16 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil. Jaqblu għalhekk li l-istess art kienet tappartjeni nofs bin-nofs lill-konjuġi Toni u Rosa Vella.[127]

**L-atturi** jżidu jgħidu li l-kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo li sar bejn Rosa Vella u l-eredi ta' Ursola Buttigieg (Carmen Turner u Rosie Judde) rigward porzjon minn din l-art huwa nvalidu stante li sar fil-hajja ta' Rosa Vella u in kunsiderazzjoni tal-wirt tagħha.[128]

**Il-konvenuti**, da parti tagħhom, jgħidu li l-kuntratt ta' donazzjoni bejn Rosa Vella u l-eredi ta' Ursola Buttigieg, Carmen Turner u Rosie Judde huwa validu billi f'ħajjitha Rosa kellha kull dritt tittrasferixxi proprjeta' tagħha kif riedet, anke billi torbot tali trasferiment mal-wirt tagħha nkluż billi tassenjah akkont jew in total sodisfazzjon. Iżidu li l-istess proprjeta'

---

125 Ref.: *inter alia*, l-ewwel pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 417.
126 Ref.: l-ewwel pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 398.
127 Ref.: *inter alia*, it-tieni pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 418, kif ukoll l-ewwel pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 398.
128 Ref.: *inter alia*, it-tieni pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 418.

kienet tħalliet b'legat lill-istess Ursola Buttigieg b'tali legat tilef l-effetti tiegħu mat-trasferiment *inter vivos*.[129]

**Lok ta' djar numru 88, gja numru 61, bil-ġardina tal-kejl ta' 93m.k. – pari għal nofs siegh – annessa miegħu,** Triq il-Wardija, il-Qala**:**

Il-partijiet lkoll jaqblu li din il-proprjeta' ġiet akkwistata permezz ta' att ta' diviżjoni tal-wirt derivanti mill-ġenituri ta' Toni Vella – att datat it-22 ta' Mejju, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[130]

**L-atturi** jikkontendu li Rosa Vella ma' kellha ebda sehem minn din il-proprjeta' stante li l-istess hija provenjenti mill-wirt tal-ġenituri ta' Toni Vella.[131]

**Il-konvenuti**, da parti tagħhom, jgħidu li minkejja li tali proprjeta' kienet tassew derivanti mill-wirt tal-ġenituri ta' Toni Vella, l-istess Toni ħallas ekwiparazzjoni dwarha u dan bi flus derivanti mill-komunjoni tal-akkwista gja vigenti bejnhu u bejn martu Rosa. B'dan li għalhekk tali proprjeta' taqa' fil-komunjoni tal-assi tal-konjuġi Toni u Rosa Vella.[132]

Jirrizulta ulterjorment li mad-dar numru 88, gja numru 61 kienet eventwalment ġiet żviluppata d-dar numru 89 u dan fuq art li jew kienet diġà' mad-dar numru 88 jew ġiet akkwistata wara.[133]

Dwar dan, il-konvenuti, jispjegaw li l-fondi 88 bil-ġardina miegħu u l-art li fuqha ġie żviluppat il-fond numru 89, Triq il-Wardija, kienu ġew akkwistati; in kwantu għal fond numru 88 bil-ġardina miegħu tal-kejl ta' 93m.k. bl-att tat-22 ta' Mejju, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi fejn Toni Vella akkwista l-istess b'diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu iżda ħallas ekwiparazzjoni bi flus derivanti mill-assi tal-komunjoni gja eżistenti bejnhu u bejn martu Rosa; in kwantu għall-kejl ta' 130m.k. fiż-żwieġ b'kuntratt tal-11 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil, u; in kwantu għall-kejl ta' 281m.k. ukoll fiż-żwieġ b'kuntratt tas-16 ta' April, 1957 ukoll in atti Nutar John Busuttil.[134]

---

[129] Ref.: l-ewwel pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 398.
[130] Ref.: *inter alia*, it-tielet pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 419, kif ukoll it-tieni pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 399.
[131] Ref.: *inter alia*, it-tielet pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 419.
[132] Ref.: it-tieni pagna tan-nota tal-konvenuti a fol 399.
[133] Bejn il-partijiet ghad m'hemmx qbiel definittiv dwar l-estensjoni tad-dar numru 89.
[134] Ref.: it-tieni pagna tan-nota ulterjuri ta-konvenuti tal-15 ta' Gunju, 2023 liema pagna tinsab a fol 852.

Il-konvenuti jżidu jgħidu wkoll li sehem Rosa Vella mill-fond numru 88 tħalla lill-konvenuta Mary Jane Formosa bi prelegat permezz tat-testment ta' Rosa tad-9 ta' Mejju, 1998 in atti Nutar Mariosa Grech. Iżidu wkoll li d-donazzjoni li saret minn Rosa ta' nofs il-fond numru 89 lill-eredi ta' Ursola Buttigieg (Rosie Judde u Carmen Turner) bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo għandha semmai tidhol bħala assenjazzjoni akkont u mhux a saldu, bit-trasferiment jibqa' iżda validu. Iżidu li n-nofs l-ieħor li kien ta' Toni Vella gie validament assenjat lill Carmen Turner u Rosie Judde bil-kuntratt gja msemmi tas-27 ta' Mejju, 1997.[135]

B'risposta għal dan, f'nota ulterjuri tagħhom, l-atturi, wara li jaqblu li d-dar numru 88 u l-art li fuqha nbniet dik numru 89 ġew akkwistati fi tlett partijiet kif spjegat mill-kovenuti, iżidu li l-estensjoni ta' dawn it-tlett akkwisti kif adotta minnhom hija korretta. Jinsistu għalhekk li mid-dar numru 88 bil-ġardina magħha Rosa Vella ma' kellha ebda sehem.[136]

**<u>Parti diviża mir-raba' "Tas-Salib"</u>, Triq il-Wardija, limiti tal-Qala, Għawdex:**

Il-partijiet jaqblu li tali art ġiet akwkistata fiż-żwieġ bejn Toni u Rosa Vella b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1951 in atti Nutar Giuseppe Cauchi[137] u allura hija appartenenti nofs bin-nofs bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella.

**Il-konvenuti** jagħmlu iżda varji sottomissjonijiet dwar kif diversi ishma mit-total tal-kejl ta' din l-art li fl-intier tagħha kienet tal-kejl ta' 468m.k.[138] ingħaddew in parti lill-attriċi Angiolina Buttigieg ***akkont tas-sehem*** spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, il-konjuġi Toni u Rosa Vella bit-testment *unica charta* tagħhom tal-5 ta' Novembru, 1960 – fuq din il-parti li tiġi fit-Tramuntana tal-art Angiolina bniet id-dar tagħha – u in parti lill-istess Angiolina b'donazzjoni mingħand ommha Rosa b'att tat-3 ta' Ġunju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili,[139] bil-kundizzjoni li ***d-donatarja***

[135] Ref.: it-tielet pagna tan-nota ulterjuri tal-konvenuti tal-15 ta' Gunju 2023 liema pagna tinsab a fol 853.
[136] Ref.: il-pagni tan-nota ulterjuri tal-atturi li jinsabu a fol 906 u 907.
[137] Ref.: *inter alia,* ir-raba' pagna tad-dokument anness man-nota ta' l-atturi a fol 416, liema pagna tinsab a fol 420, kif ukoll it-tieni pagna tal-nota tal-konvenuti a fol 399.
[138] Fin-nota ulterjuri taghhom a fol 851 *et seq* jidhru jikkoregu dan il-kejl ghal-total ta' 470m.k. – ref.: l-ewwel pagna tan-nota ulterjuri li tinsab a fol 851.
[139] Kuntratt a fol 815 *et seq.*

***għandha timputa din id-donazzjoni fl-okkażżjoni tal-qasma tal-assi ereditarji tad-donanti***. Dan mentri bit-testment tagħha tas-26 ta' Settembru, 1997 in atti Nutar Mariosa Grech, l-istess Rosa Vella ħalliet sehemha mir-rimanenti porzjon diviża ta' din l-art, fil-kejl ta' 160m.k. lill-konvenuta Mary Jane Formosa **barra minn sehemha bi ħlas ta' kuri, servigi, u assistenzi**. Iżidu għalhekk li għal-finijiet tal-qasma l-porzjon ta' 234m.k. imholli lill-attrici Angiolina Buttigieg irid jiġi stmat u mputat. Iżidu wkoll li l-bqija tal-kejl wara li jitnaqqas dak ta' 234m.k. li ħadet Angiolina u fuqu bniet id-dar tagħha *"Canadian Comfort"* u dak ta' 160m.k. li ħadet Mary Jane b'legat barra minn sehemha hu għall-qasma.[140]

Il-konvenuti komplew jispjegaw dan b'mod aktar ċar b'nota ulterjuri tagħhom tal-15 ta' Ġunju, 2023.[141]

F'din l-istess nota ulterjuri tagħhom, il-konvenuti spjegaw kif ir-rimanenti porzjon minn din l-art li għadha in diviżjoni għandha tinqasam b'mod ugwali bejn l-eredi ta' Toni Vella għajr ulied Ursolu Buttigieg stante li l-istess ulied ta' Ursola (Carmen Judde u Rosie Turner) gja rċevew sehemhom a saldu bl-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo.

Huwa għalhekk ċar li skond il-konvenuti, il-porzjon minn din l-art li għadu għall-qasma effettiva – mhux dak li jrid liġi wkoll inkluż u kkunsidrat fir-rigward ta l-istima tal-valur tal-assi sabiex wieħed jara x'diġà ittieħed u minn min qabel isiru l-assenjazzjonijiet opportuni – huwa porzjon fil-kejl ta' 76m.k. dan kontra l-kejl ta' ċirca 98m.k. indikat bħala li għadu għall-qasma effettiva mill-atturi.

B'risposta għan-nota ulterjuri tal-konvenuti, l-atturi ssottomettew li l-kejl indikat fil-kuntratt ta' kompravendita' li bih kienet ġiet akkwistata din l-art kien ta' 495m.k. Iżidu li fuq in-nofs ta' din l-art li jinsab fuq in-naħa tat-Tramuntana, Angiolina Buttigieg bniet id-dar tagħha bl-isem *"Canadian Comfort"*. Jgħaddu mbagħad sabiex jikkontestaw li l-fond *"Canadian Comfort"* bil-ġnien miegħu fil-kejl kumplessiv ta' 280m.k. huwa in diviżjoni. Hawnhekk jinvokaw il-preskrizzjoni.[142]

---

140 Ref.: it-tieni u -tielet pagni tan-nota tal-konvenuti a fol 399 u 400.
141 Nota a fol 851 *et seq.* parti rilevanti fl-ewwel pagna tal-istess nota liema pagna tinsab a fol 851.
142 Ref.: pagni tan-nota ulterjuri tal-atturi li jinsabu a fol 901 u 902.

**Ikkunsidart ulterjorment:**

Magħmulha dawn l-osservazzjonijiet, huwa ċar li qabel xejn din il-Qorti trid tiddeċiedi s-segwenti kwistjonijiet, ossia:

i. Jekk il-proprjeta' numru 88, gja numru 61, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex, bil-ġardina tal-kejl ta' 93m.k. annessa magħha u dik numru 89 għandhomx jitqiesu bħala proprjeta' gja parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella;
ii. Jekk l-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo, almenu fil-parti tiegħu fejn Rosa Vella għamlet donazzjoni ta' sehemha minn xi proprjeta', għandux jitqies validu jew invalidu;
iii. Jekk tenut kont tad-deċiżjoni meħuda dwar il-validita' o meno tal-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo għandhomx jiġu esklużi mill-qasam l-eredi ta' Ursola Buttigieg, ossia Carmen Turner u Rosie Judde, u;
iv. Dwar il-prelegati u legati mħollija minn Toni u Rosa konjuġi Vella; jekk hemmx xi obbligu ta' imputazzjoni fuq tali trasferimenti ta' porzjonijiet mill-art "Tas-Salib" magħmulha lill gja attriċi Angiolina Buttigieg u lill-konvenuta Mary Jane Formosa.

***Dwar il-proprjeta' numru 88, gja numru 61, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex, bil-ġardina tal-kejl ta' 93m.k. annessa magħha u dik numru 89 u, senjatament, jekk dawn għandhomx jitqiesu bħala proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti gja eżistenti bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella:***

Illi din il-proprjeta' in kwistjoni – id-dar numru 88 u l-art li fuqha nbniet il-proprjeta' numru 89 – ġiet akkwistata fi tlett partijiet kif spjegat mill-konvenuti f'nota ulterjuri tagħhom[143] u maqbul mill-atturi.[144]

Dawn il-partijiet huma – u kienu akkwistati – kif isegwi:

[143] Ref.: pagna tan-nota relattiva a fol 852.
[144] Ref.: dikjarazzjoni tal-atturi fir-risposta taghhom a fol 905.

i. In kwantu għall-kejl ta' 130m.k. fiż-żwieġ bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella b'kuntratt ta' kompravendita' tal-11 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil;[145]
ii. In kwantu għall-kejl ta' 281m.k. fiż-żwieġ bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella b'kuntratt ta' kompravendita' tas-16 ta' April, 1957 in atti Nutar John Busuttil,[146] u;
iii. In kwantu għall-lok ta' djar numru 88, gja numru 61, bil-ġardina tal-kejl ta' 93m.k. annessa miegħu b'kuntratt ta' diviżjoni tal-wirt provenjenti mill-ġenituri ta' Toni Vella tat-22 ta' Mejju, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[147]

Mill-atti irriżulta li l-konjuġi Toni u Rosa Vella żżewġu nhar il-15 ta' Jannar, 1938.[148]

Huwa għalhekk immedjatament ċar li l-akkwisti magħmulha fl-1957 saru waqt iż-żwieġ, kif del resto jaqblu l-partijiet.

Dwar imbagħad il-proprjeta' percepita fl-1979, fejn hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li tali proprjeta' ġiet percepita minn Toni Vella b'diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu: il-konvenuti jinsistu li fuq id-diviżjoni Toni Vella ħallas ekwiparazzjoni bi flus tal-komunjoni bejnu u bejn martu Rosa[149] mentri l-atturi jgħidu li dan mhux minnu u li, jekk semmai jirrizulta li sar xi ħlas, dan jagħti biss dritt ta' kreditu lill Rosa Vella mhux sehem fil-proprjeta'.[150]

Illi dwar dawn il-pretensjonijiet kunfliġġenti ma' tressqu ebda provi b'din il-Qorti għandha għalhekk biss l-att in mertu fuq xiex tistrieħ.

L-att in mertu, u fil-parti relattiva tiegħu, jaqra kif isegwi:

> *Quddiemi Nutar Dottor Giuseppe Cauchi* [...] *dehru personalment* [...]
>
> *Jippremettu illi bhala werrieta unici* [...] *jipposjedu bejniethom dawn l-immobbli li gejjin li qieghdin kollha fl-imsemmija Qala:*

[145] Kopja a fol 327 *et seq.*
[146] Kopja a fol 332 *et seq.*
[147] Kopja a fol 338 *et seq.*
[148] Ref.: data taz-zwieg skodn dikjarazzjoni maghmulha minn Rosa Vella fuq id-denunjza tal-mewt ta' zewgha Toni Vella li tinsab a fol 23 *et seq.*
[149] Ref. parti "C", para (iii) a fol 852 tan-nota ulterjuri tal-konvenuti.
[150] Ref. parti tar-risposta tal-atturi fil-pagan li tinsab a fol 906.

1. *Lok ta' djar, fi Triq Wardija, numri dari wiehed u sittin illum tmienja u tmenin bil-gardina annessa minn-Nofsinhar ta' xi nofs siegh* [...]

*Pjan ta' Qasma:*
[...]
*It-Tieni Porzjon:*
*Per assenjazzjoni lill-kondividenti Toni Vella.*
*Jikkonsisti minn dan li-gej:*
1. *L-immobbli kollu deskritt fuq fin-numru wiehed jigifieri l-lok fi Triq il-Wardija bil-gardina kollha li hemm annessa mieghu.*[151]
   [...]

*Ir-Raba' Porzjon:*
*Tikkonsisti fi flus biss jigifieri billi iddahhal b'titolu ta' ekwiparazzjoni w ghal darba biss minghand il-kondividenti Toni Vella is-somma ta' erba' mija u disa' liri u hamsin centezmu sive Lm409.50,0.*[152]

Tali att ma' jagħti ebda ndikazzjoni ta' kif sar il-ħlas tal-ekwiparazzjoni relattiva minn Toni Vella. B'dan illi, tenut kont li l-att sar fl-1979, mentri kif ingħad il-konjuġi Toni u Rosa Vella iżżewġu nhar il-15 ta' Jannar, 1938; jidhlu fis-seħħ il-prezunzjonijiet *iuris tantum* skond l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, senjatament is-segwenti:

**1316.** *(1) Iż-żwieġ **li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti**, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.*

**1318.** ***Il-miżżewġin ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi safejn dawn jirreferu għall-komunjoni tal-akkwisti**.*

**1320.** ***Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu** –*
*[…]*
*(d) **kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti**, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin;*

[151] Ref.: parti tal-att fil-pagna li tinsab a fol 342.
[152] Ref.: parti tal-att li tibda fil-pagan li tinsab a fol 344 u tkompli a fol 345.

[enfazi ta' din il-Qorti]

Minn dawn il-proviżżjonijiet jirrizulta li fin-nuqqas ta' ndikazzjoni mod ieħor – ċirkostanza remota fiż-żmien meta żżewġu l-konjuġi Toni u Rosa Vella – bejn Toni u Rosa Vella kienet tissussisti l-komunjoni tal-akkwisti li ma' setgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet relattivi għaliha, inkluż li kull beni akkwistati bi flus tal-istess komunjoni jkunu beni tal-komunjoni.

Il-pożizzjoni meħuda mill-atturi li semmai Rosa Vella setgħa kellha biss kreditu ma' treġix stante li tali kreditu jiġi fis-seħħ skond l-Artikolu 1320 (e) tal-Kap.16 li jrid kif isegwi:

> **1320.** *Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –*
> *[…]*
> *(e)* ***kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ****, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti,* ***bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni****;*
>
> [enfazi ta' din il-Qorti]

F'dan il-każ, il-kwistjoni m'hijiex li Rosa Vella silfet xi flus parafernali tagħha lill-żewġha Toni Vella sabiex ħallas l-ekwiparazzjoni relattiva. Ebda prova ma' tressqet fuq hekk, u anqas saret xi allegazzjoni simili.

Mid-dehra tal-kuntratt relattiv – dak tat-22 ta' Mejju, 1979, jirrizulta biss li Toni Vella ħallas ekwiparazzjoni – *sic et sempliciter*.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe' prova ulterjuri, din il-Qorti ma' tistax għajr tqies li tali ħlas sar mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti u allura jrendi l-proprjeta' in mertu – il-lok ta' djar numru 88, gja 61, bil-ġardina miegħu bħala proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti.

Tibqa ovvjament il-possibilita' li jiġi argumentat li l-lok ta' djar numru 88 gja numru 61 bil-ġardina miegħu kien biss kwalifikabbli bħala tal-komunjoni gja vigenti bejn il-konjuġi Toni u Rosa Vella safejn dan ma' jeċċedix il-valur tal-ekwiparazzjoni mħallsa minn Toni Vella.

Minkejja dan, fid-deskrizzjoni tiegħu tat-tali proprjeta' l-att tal-1979 huwa sieket dwar il-valur attribwit lit-tali proprjeta' in partikolari mentri d-denunzja oriġinali dwar Toni Vella – dik numru G32/84 magħmulha minn martu Rosa nhar it-23 ta' Jannar, 1984[153] tindika l-istess proprjeta' fit-tieni paragrafu u tattribwilha l-valur ta' Lm1,500.

L-istess denunzja ta' Toni Vella żżid tgħid li *"Toni kellu ¼ ta' din id-dar, il-bqija xtrawh tul iz-zwieg"*.[154] Minkejja dan, id-denunzja ta' Rosa Vella mbagħad telenka bħala proprjeta' ta' Rosa, *inter alia*, *"nofs (1/2) indiviz minn fond bin-numru tmienja u tmenin (88) fi Triq Wardija"*.[155]

Din il-Qorti tqies għalhekk li fin-nuqqas ta' prova opportuna – stante li f'denunzja d-denunzjant jista' jniżżel kull ma' jrid u kif irid, tant li hemm dritt ta' korrezzjoni llimitat dwar l-istess; din il-Qorti ma' tistax għajr tqies tali proprjeta' bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Toni u Rosa Vella.

***Dwar Jekk l-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Michael Refalo, almenu fil-parti tiegħu fejn Rosa Vella għamlet donazzjoni ta' sehemha minn xi proprjeta', għandux jitqies validu jew invalidu:***

Hawnhekk, filwaqt li l-konvenuti jgħidu li ma' kien hemm xejn żbaljat jew illegali fid-donazzjoni magħmulha minn Rosa Vella lill-eredi ta' Ursola Buttigieg, ossia uliedha Carmen Turner u Rosie Judde bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo; l-atturi jikkontendu li tali donazzjoni ma' setgħet qatt saret validament stante li saret f'ħajjet Rosa Vella u in kunsiderazzjoni ta' drittijiet fuq il-wirt tagħha miżmuma minn ulied bintha Ursola Buttigieg li mietet qabel Rosa Vella.

Mill-atti jirrizulta li bint Rosa u Toni konjuġi Vella, Ursola mart Paul sive Pawlu Buttigieg, mietet intestata fl-10 ta' Marzu, 1997 u wirtuha uliedha Rosie mart John Judde u Carmen mart Glenn Turner.[156]

L-eredita' li kienet talvolta dovuta lill Ursola Buttigieg mil-wirt tal-ġenituri tagħha Toni u Rosa Vella, li mietu rispettivament fis-16 ta'

[153] Kopja a fol 23 *et seq*.
[154] Ref.: pagna tad-denunzja li tinsab a fol 25.
[155] Ref.: pagna tad-denunzja a fol 37.
[156] Ref.: denunzja dwar Ursula Buttigieg a fol 39 *et seq* ezebita ghal darb'ohra a fol 358 *et seq*.

Novembru, 1983[157] u fit-2 ta' Ġunju, 1999;[158] tħallset lill uliedha Rosie Judde u Carmen Turner b'kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo.[159]

Fit-tali kuntratt ingħad li:

> ***fl-ewwel lok**, bis-sahha ta' dan l-att **il-komparenti Rosa Vella** qeghda tassenja u tittrasferixxi **b'titolu ta' donazzjoni lill-komparenti** Mary Jane Formosa f'isem u in rapprezentanza ta' **Rosie u Carmen ahwa Buttigieg ulied Paul u l-mejta Ursola** [...] **nofs indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha illi l-istess Rosa Vella ghandha fuq il-bicca art fi sqaq li jinfed ghal Triq Wardija, Qala, Gozo liema art hija tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k.)** u konfinanti mill-Lvant ma' beni ta' Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti beni ta' Maria Giovanna Vella u in parti ma' sqaq, u Punent ma' beni tal-ahwa Xerri, indikata ahjar fuq il-pjanta annessa ma' att tieghi tallum stess* [...] .
>
> ***Ghal kull buon fini jigi dikjarat illi n-nofs indiviz l-iehor ta' din l-art kienet giet legata lill Ursula Buttigieg minn missierha Anthony Vella bit-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) u dan akkont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt tieghu**.*
>
> *Da parti taghha l-komparenti Mary Jane Formosa nomine tiddikjara illi hija qieghda tircievi din id-donazzjoni a saldu u in totali sodisfazzjon tas-sehem spettanti lill-mandati taghha mil-wirt tal-imsemmija Rosa Vella.*
>
> ***Fit-tieni lok**, bis-sahha ta' dan l-att **il-komparenti Joseph Vella proprio et nomine u Mary Jane Formosa proprio minn naha l-wahda u Rosie u Carmen ahwa Buttigieg ulied Paul kif rappresentati qeghdin jiftehmu u jiddikjaraw illi l-istess Rosie u Carmen ahwa Buttigieg ghandhom izommu n-nofs indiviz l-iehor mill-istess proprjeta' (u cioe' dak in-nofs legat lill-ommhom Ursola minn Anthony Vella kif imsemmi fuq) a saldu u in total sodisfazzjon tad-***

[157] Ref.: certifikat tal-mewt a fol 10.
[158] Ref.: certifikat tal-mewt a fol 11.
[159] Att ta' donazzjoni – inkomplet – a fol 44 u 45 ezebit ghal darb'ohra – komplet – a fol 363 sa 365 u ghal darb'ohra a fol 867 sa 869. F'dan il-kuntratt, [i] Rosa Vella dehret f'isimha proprju; [ii] binha Joseph Vella deher f'ismu proprju kif ukoll f'isem ir-rimanenti hutu ghajr Ursula – dakinhar diga' mejta b'uliedha Rosie Judde u Carmen Turner akkwistaw b'dan l-att – u Mary Jane li dehret f'isimha proprju, u; [iii] bintha Mary Jane Formosa dehret f'isimha propju kif ukoll f'isem Rosie Judde u Carmen Turner.

***drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella*** *gia pensjonant, bin il-mejtin Michele u Ursola nee' Xerri imwieled u gia residenti Qala, Gozo fejn miet fis-sittax (16) ta' Novembru, elf disgha mija tlieta u tmenin (1983).*

*Ghal finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti […] jigi dikjarat: illi l-art imsemmija kienet tifforma parti minn art akbar akkwistata minn Anthony Vella (matul iz-zwieg tieghu ma' Rosa nee' Bonello) b'att tan-Nutar Giuseppe Cauchi tat-tnax (12) ta' Awwissu elf disgha mija wiehed u hamsin (1951).*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Huwa hawnhekk ċar li Rosa Vella għamlet din id-donazzjoni favur l-eredi ta' bintha Ursola ossia Carmen Turner u Rosie Judde *a saldu u in total sodisfazzjon tas-sehem spettanti lill-*[Rosie Judde u Carmen Turner] *mill-wirt tal-imsemmija Rosa Vella*.

Dan jidher li jmur kjarament kontra d-dicitura tal-Artikolu 984 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif isegwi:

**984.***(1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.*

*(2) Iżda,* ***ħadd ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik il-persuna****; bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Huwa minnu li kif tajjeb jinsistu l-konvenuti, li għandhom interess dwar dan stante li wara l-att *supra* ccitat tas-27 ta' Mejju, 1997 Rosie Judde u Carmen Turner għaddew sabiex biegħu dak hawn donat lilhom – ossia d-dar numru 89 li kienet nbniet fuq tali art – lill-konvenuta Mary Jane Formosa, u dan permezz ta' kuntratt tas-7 ta' Novembru 1997, fl-atti tan-

Nutar Mariosa Grech;[160] f'ħajjitha Rosa Vella setgħet iddisponiet kif riedet mill-proprjeta' tagħha, inkluż b'donazzjoni.

B'dan iżda li tali donazzjoni tidher li saret, kif iccitata mill-att opportun tas-27 ta' Mejju, 1997; *a saldu u in total sodisfazzjon tas-sehem spettanti lill-* [Rosie Judde u Carmen Turner] *mill-wirt tal-imsemmija Rosa Vella* waqt li l-istess Rosa kien għadha hajja tant li fuq tali kuntratt dehret personalment.

Kjarament, tali dispożizzjoni tidher li tikser il-proviżżjonijiet tal-Artikolu 984 succitat.

Issir hawn referenza għad-deċiżjoni mogħtija nhar l-24 ta' Novembru, 2009 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Victor Camilleri*** fejn ġie ritenut:

> *Fir-rigward tal-wirt tal-omm, il-qorti qeghda taghmilha cara li ftehim simili ma jfissirx li kien ikun validu gialadarba l-Artikolu 984 tal-Kodici Civili jipprovdi espressament li "hadd ma jista' jirrinunzja ghal successjoni illi tkun ghadha ma nfethitx, jew jaghmel ftehim fuqha....".*

Minkejja dan, jibqa' iżda l-kwezit jekk din il-Qorti tistax tippronunzja ruħha f'dan is-sena tenut kont li ebda talba jew eċċezzjoni ma' tressqet quddiemha għal dan il-għan.

Huwa minnu li l-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni odjerna huma dawk hekk imsejħa *actio familiae erciscundae*.

Hawnhekk, din il-Qorti tagħraf id-deċiżjoni ccitata mill-atturi mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Ludgarda Cachia et vs Carmela sive Carmen Mizzi et*** fejn, il-Qorti għamlet referenza għal-deċiżjoni oħra fejn kien ritenut:

> *"Fis-sentenza li din il-Qorti tat fis-26 ta' Jannar 1939 fil-kawża "**Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca**" ngħad hekk dwar in-natura tal-azzjoni[161]:-*
>
> *' … il-Qorti tosserva li dik il-kwistjoni tidhol f'dil-kawża minħabba n-natura tal-azzjoni eżerċitata bit-taħrika, li hija l-actio familiae erciscundae*

[160] Ref.: kuntratt a fol 229 *et seq* ezbit ghal darb'ohra afol 369 *et seq.*
[161] L-*actio familiae erciscundae.*

*li tolqot omne ius quod defunctus habuit, u għalhekk tikkomprendi l-kwistjonjiet kollha tal-wirt, u għaldaqstant fil-likwidazzjoni tikkomprendi wkoll il-kwistjonijiet tal-legati, tan-nullita' parzjali jew totali u tar-riduzzjoni tagħhom.'*

*"Fis-sentenza li din il-Qorti tat fil-31 ta' Ottubru 1952 fil-kawża "**Vincenzo Attard vs Michelina Agius**" ingħad illi:-*

*'F'ġudizzju familiae erciscundae jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt u dana sal-punt li m'humiex permessi proċedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorju fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.'*

B'dan iżda li tali deċiżjoni marret oltre minn dak li għażlu li jiċċitaw l-atturi billi bl-ebda mod ma' messet dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din kienet iddikjarat senjatament:

***Din il-Qorti tinsisti fuq il-fehma tagħha illi l-kwistjoni** ta' jekk Anthony Haber kienx prestanome inkella le, u l-kwistjoni **jekk l-iskritturi esebiti kienux jiswew huma barra mill-parametri tal-kawża**. Il-ġurisprudenza ċitata tisħaq illi l-azzjoni tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha tal-wirt bħal eżami ta' legati. Madanakollu **l-ġurisprudenza ma tippresupponix li trid issir investigazzjoni dwar kuntratti jew ftehim oħra**. Li kieku hekk kien il-każ, kien ifisser illi l-Qorti jkollha tmur għall-assurd u qabel ma' tgħaddi biex tiddeċiedi dwar diviżjoni ta' wirt u likwidazzjoni ta' sehem riservat, tkun kostretta qabel xejn li tistħarreġ kull kuntratt li jkun sar, u kull allegazzjoni jew konġettura li tista' tisvolġi bejn il-kontendenti; dan mhuwiex ir-raison d'etre tal-azzjoni.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Fil-proċeduri tal-appell il-Qorti ta' l-Appell ma' daħlitx fil-kwistjoni dwar kemm kienet o meno gusta l-ewwel Qorti fejn stqarret li hija m'għandix tistħarreġ kull kuntratt li jkun sar u li jinvolvi lill-partijiet kontendenti.

Il-Qorti tal-Appell, ġustament, ikkunsidrat biss l-aggravji li tressqu quddiemha u li kienu jirreferu għal-kwistjonijiet indipendenti minn dan, fil-maġġor parti tagħhom dwar żbalji tal-pinna f'kalkoli ta' ishma varji.

B'dan li għalhekk, anke jekk il-Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata waslet sabiex laqgħat l-appell interpost mill-appellanti; tali deċiżjoni ma' ddisturbatx il-ħsieb tal-ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni mogħtija minnha lill-prinċipju li f'ġudizzju *familiae erciscundae* jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mill-wirt.

Din il-Qorti tikkondividi tali hiseb u tħoss li, kif diġà enuncjat ruħha fid-deċiżjoni preliminari mogħtija minnha fis-26 ta' April, 2024,[162] kieku jkollha tagħmel mod ieħor tkun qed tezorbita l-kompetenza tagħha fid-dawl tat-talbiet atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Għaldaqstant, din il-Qorti tibqa marbuta bit-trasferimenti li saru bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo.

***Dwar jekk, tenut kont tad-deċiżjoni meħuda dwar il-validita' o meno tal-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo, għandhomx jiġu esklużi mill-qasma l-eredi ta' Ursola Buttigieg, ossia Carmen Turner u Rosie Judd:***

Kjarament, din il-materja hija marbuta ma' dik ta' qabilha u ġaladarba insab li l-att tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo m'għandux jitqies bħala invalidu, u f'tali att Carmen Turner u Rosie Judde rrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom rigward l-eredita' ta' Rosa Vella, bl-ulied kollha rimanenti ta' Toni u Rosa konjuġi Vella dehru magħhom fuq l-istess att;[163] Carmen Turner u Rosie Judde jistgħu validament jiġu esklużi mill-qasma.

***Dwar il-prelegati u legati mħollija minn Toni u Rosa konjuġi Vella u jekk hemmx xi obbligu ta' imputazzjoni fuq trasferimenti ta' porzjonijiet mill-art "Tas-Salib" magħmulha lill gja attriċi Angiolina Buttigieg u lill-konvenuta Mary Jane Formosa:***

Hawnhekk wieħed irid jirreferi għal-partijiet rilevanti tat-testmenti varji mħollija mill-konjuġi Toni u Rosa Vella, senjatament is-segwenti:

---

[162] Kopja a fol 923 *et seq*.
[163] Fl-att ta' donazzjoni a fol 363 sa 365 ezebit ghal darb'ohra a fol 867 sa 869 dehru [i] Rosa Vella f'isimha proprju; [ii] binha Joseph Vella f'ismu proprju kif ukoll f'isem ir-rimanenti hutu ghajr Ursula – dakinhar diga' mejta b'uliedha Rosie Judde u Carmen Turner akkwistaw b'dan l-att – u Mary Jane li dehret f'isimha proprju, u; [iii] bintha Mary Jane Formosa dehret f'isimha propju kif ukoll f'isem Rosie Judde u Carmen Turner.

**It-testament *unica charta* tal-5 ta' Novembru, 1960 in atti Nutar Giuseppe Cauchi:**[164]

> *Toni Vella… u martu Rosa… dehru fuq dan it-testment unika karta taghhom illi bih jordnaw u jiddisponu kif gej:*
>
> *L-Ewwel Artikolu:*
> *Qabel xejn **it-testaturi jiddikjaraw li huma s'issa ghadhom qatt m'ghamlu testment la flimkien u l-anqas wiehed wiehed u fil-kas li jezisti xi wiehed b'isimhom huma jhassruh u jirrevokawh** qisu qatt ma' kien u jridu illi s-successjoni taghhom tigi rregolata b'dan it-testment biss.*
>
> *It-Teni Artikolu:*
> *It-Testaturi jiddikjaraw illi fl-okkazzjoni taz-zwieg ta' binthom Angiolina ma' Carmelo Buttigieg kienu tawha **dota** minghajr ebda skrittura is-somma ta' mitejn lira Sterlina (£200) kif ukoll **nofs indivis tan-nahha tat-Tramuntana minn bicca raba' fl-imsemmija Qala fil-kuntrada "Tas-Salib" maghrufa "Tal-Qala" ta' xi sighajn u nofs** u tmiss Tramuntana beni ta' Salvu u Anglu ahwa Buttigieg u beni ta' Francesco Xuereb, Punent beni ta' Salvu u Anglu ahwa Buttigieg u ma Triq Wardija u li giet mixtrija mit-testaturi b'att li sar ghandi fit-tnax t'Awwissu elf disa' mija u wiehed u hamsin.*
>
> ***Ghalhekk it-testaturi ihallu b'titolu ta' legat a kont tas-sehem lill-istess binthom Angiolina Buttigieg spettanti mill-wirt taghhom in-nofs indivis mill-immobbli kif fuq deskritt** u lilha kif fuq imsemmi assenjat b'dota minghajr skrittura.*
>
> [enfazi ta' din il-Qorti]

**It-testament unica charta tas-27 ta' Novembru, 1971, in atti Nutar Giuseppe Cauchi:**[165]

> *Toni Vella… u martu Rosa… billi huma jridu jaghmlu xi disposizzjonijiet testamentarji ohra, oltri dawk minnhom testaturi ordnati flimkien*

[164] Kopja tat-testment a fol 12 u 13. Ezebit ghal darb'ohra a fol 857 u 858.
[165] Kopja tat-testment a fol 14 sa 17. Ezebit ghal darb'ohra a fol 894 sa 897.

*b'testment li sar ghandi fil-hamsa ta' Novembru elf disa' mija u sittin, li huma jhallu shih u integru sakemm konformi u mhux diskrepanti mal-prezenti, huma dehru fuq dan it-testment unika karta iehor taghhom illi bih jordnaw u jiddisponu ghal wara mewthom kif gej:-*
*[…]*

*It-Tieni Artikolu:*
*It-testaturi b'titolu ta'* ***legat a kont ta' sehemha*** *ihallu* ***a favur ta' binthom Ursola mart Pawlu Buttigieg*** *a)* ***bicca raba' li qieghda fl-imsemmija Qala, ma genb Triq Wardija ghad li ma' tmisx maghha, li fiha xi hames kejliet u nofs****, b'kamra go fiha u tmiss Lvant ma' beni ta' Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti ma' beni ta' Maria Giovanna Vella u in parti ma' sqaq, Punent in parti ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg u in parti ma' beni ta' Giuseppa u Karmnu ahwa Xerri u Nofsinhar mal-bicca raba' imsemmija hawn taht appartenenti lit-testaturi; u b)* ***in-nofs tan-nahha tal-Punent minn bicca raba' ohra li tigi fuq nofsinhar tal-bicca raba' deskritta hawn fuq fl-ittra (a) li fiha kollha xi siegh u nofs*** *u tmiss Punent ma' beni ta' Giuseppa u Karmnu ahwa Xerri, Nofsinhar u Lvant ma' beni ta' Giusepp Cutajar u Tramuntana in parti mar-raba' deskritt hawn fuq fl-ittra (a) u in parti ma' beni ta' Maria Giovanna Vella* […]

*L-imsemmija Ursola Buttigieg fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha hadet ukoll mitejn lira dota.*

*It-Tielet Artikolu:*
*It-testaturi b'titolu ta'* ***legat u usufrutt*** *ihallu,* ***a favur ta' dawk minn uliedhom illi fl-epoka tal-mewt tat-testaturi jkunu mhux mizzewgin u joqghodu hawn Ghawdex, il-lok tal-abitazzjoni taghhom testaturi fin-numri mija u disghin san-numru mija u erbgha u disghin ta' Triq Wardija Qala, Ghawdex, bil-gardina*** *kollha li hemm mieghu u bl-oggetti mobili kollha, mobilja u bjankerija u annimali u kull hag' ohra mobili fl-istess lok ezistenti fl-epoka tal-mewt tas-superstiti testatur.*

*Dan il-legat ghandu jitqies in mod kumulattiv bejniethom legatarji* […] *u jekk xi hadd mill-legatarji jizzewweg jitlef id-dritt tal-uzufrutt kif hawn fuq legat u jekk xi wiehed minn ulied it-testaturi li jkun siefer u ma' jkunx izzewweg jigi hawn ikollu dritt jikkoabita fl-istess lok tat-testaturi sakemm ma jizzewwitx.*

*Ir-Raba' Artikolu:*
***Salv kemm fuq dispost it-testaturi bhala werrieta universali tal-beni taghhom kollha prezenti u futuri, mobili u immobili jinnominaw u jistitwixxu fi kwoti ndaqs bejniethom lill ghaxar uliedhom** li huma Kelinu, Angiolina mart Carmelo Buttigieg, Ursola mart Pawlu Buttigieg, Nazzareno, Wenzu, Anglu, Giuseppa mart Fortun Caruana, Pawlu, Giusepp u Maria Giovanna, minuri.*

*Giuseppa mart Fortun Caruana fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha hadet mitejn lira dota.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

**Testment tas-26 ta' Settembru, 1997 in atti Nutar Mariosa Grech:[166]**

*Rosa armla ta' Anthony Vella…*
*Peress illi t-testatrici tinsab kapaci skond il-ligi li tiddisponi minn gidha ghal wara mewtha u peress illi tixtieq taghmel it-testment taghha, hija sejhitli volontarjament ghal dan it-testment taghha li permezz tieghu hija tiddisponi dan li gej u cioe':-*

*L-Ewwel Artikolu:*
*Billi **t-testatrici trid taghmel xi dispozizzjonijiet testamentarji ohra, oltri dawk minnha testatrici ordnati b'testmenti ohra li hi ghamlet sal-lum li hi thalli shah u integri** sakemm konformi u mhux diskrepanti mal-prezenti* […]

*It-Tieni Artikolu:*
*B'titolu ta' **prelegat u barra minn sehemha**, t-testatrici qed thalli **a favur bintha Mary Jane mart Domenic Formosa s-sehem spettanti lilha testatrici minn parti diviza minn bicca raba' maghrufa bhala "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli – qabel maghrufa bhala Triq Wardija – fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, u din il-parti diviza kollha kemm hi hija tal-kejl ta' cirka mija u sittin metru kwadru (160m.k.) u t-testatrici qed thalli b'titolu ta' prelegat in-nofs diviz spettanti lilha mir-raba' kollu li fadal wara li mir-raba' kollu titnaqqas dik il-parti li fiha bniet Angiolina mart Carmelo Buttigieg** u tixtieq li dan in-nofs diviz ikun in-naha tal-lemin x'hin thares lejn din ir-raba' minn*

[166] Kopja tat-testment ezebita a fol 18 u 19 fiha pagna nieqsa. Kopja kompleta ezebita a fol 863 u 864.

*quddiemha (cioe' mit-Triq) (in-naha opposta tal-parti li hadet Angiolina Buttigieg) u kif kollox hu ahjar muri delinejat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dokument A.*[167]

*Dan* ***il-prelegat qed jithalla biex it-testatrici thallas u tikkumpensa lil fuq imsemmija bintha Mary Jane tal-kuri u s-servizzi illi hija qed tirrendilha u talli laqghetha f'darha u qed iddur biha****.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

**Testment tad-9 ta' Mejju, 1998, in atti Nutar Mariosa Grech:**[168]

*Rosa Vella armla ta' Anthony Vella […]*
*Peress illi t-testatrici tinsab kapaci skond il-ligi li tiddisponi minn gidha […] tordna dan li gej u cioe':*

*L-Ewwel Artikolu:*
***It-testatrici tikkonferma kull testment li setghet ghamlet qabel dan tal-lum****,* ***sew wahedha kif ukoll unica charta ma' zewgha Anthony Vella*** *li llum huwa mejjet u qed taghmel dan it-testment taghha b'zieda mal-imsemmija testmenti li setghet ghamlet qabel dan tal-lum.*

*It-testatrici tiddikjara illi t-testmenti li ghamlet qabel dan ghandhom jibqghu shah u integri pero' sakemm konformi u mhux diskrepanti ma' dan it-testment tal-lum u* ***tiddikjara li hija qed taghmel id-dispozizzjonijiet segwenti biex thallas u tikkumpensa lil bintha Mary Jane tal-kuri u s-servizzi illi hija qed tirrendilha u ta' dawk li ghad trid tirrendilha fil-futur u talli laqghetha f'darha u qed iddur biha****.*

*It-Tieni Artikolu:*
*B'titolu ta'* ***prelegat*** *hija qed thalli* ***a favur ta' bintha Mary Jane Formosa mart Domenic Formosa s-sehem spettanti lilha mid-dar bin-numru tmienja u tmenin (88) Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex, bir-raba' maghha anness****, libera u franka u l-intier kif ahjar murija permezz ta' pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument B. ghal kull buon fini t-testatrici tiddikjara illi l-fond hawn imsemmi jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn zewgha.*

[167] Kopja tal-pjanta in atti a fol 865.
[168] Kopja tat-testment a fol 21 u 22. Kopja ohra aktar integra a fol 892 u 893.

[enfazi ta' din il-Qorti]

Ta' rilevanza wkoll huwa **l-kuntratt tat-3 ta' Ġunju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili** li bih Rosa Vella ċċarat xi punti dwar il-proprjeta' mogħtija lill Angiolina Buttigieg:[169]

> *Mill-ewwel parti:*
> *Rosa armla ta' Anthony Vella* […] *maghrufa bhala "id-donanti".*
>
> *Mit-tieni parti:*
> *Angela sive Gulina mart Carmelo Buttigieg, bint il-mejjet Anthony Vella u l-komparenti Rosa Vella nee' Bonello* […] *maghrufa bhala "id-donatarja".*
> […]
>
> *Fl-ewwel lok il-partijiet jiddikjaraw illi fl-okkazjoni taz-zwieg tal-komparenti Angela Buttgieg ma' zewgha Carmelo Buttigieg, fis-sena elf disa' mija u disa' u hamsin (1959) il-komparenti Rosa Vella flimkien ma' zewgha il-mejjet Anthony Vella kienu tawha bhala* ***dota*** *u* ***minghajr ebda skrittura*** *porzjon* ***art fil-Qala, Ghawdex, fil-kuntrada "Tas-Salib" ta' xi sighajn u nofs u cioe' ta' cirka erba' mija u tmienja u sittin metru kwadru (468m.k.)*** *u konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' beni ta' Salvu u Anglu ahwa Buttigieg u in parti ma' beni ta' Francesco Xuereb, Punent in parti ma' beni ta' Salvu Buttigieg u in parti ma' triq Wardija, liema art kienet giet akkwistata mill-mejjet Toni Vella in forza ta' att oneruz ippublikat min-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi fit-tnax (12) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u hamsin (1951).*
>
> *Illi l-komparenti Rosa Vella tiddikjara illi ghalkemm fit-testment unika karta taghha u tal-mejjet zewgha Anthony Vella tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sittin (1960) fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi huma kienu iddeskrivew din il-porzjon art bhala "nofs indiviz, tan-naha tat-Tramuntana minn bicca raba' fl-imsemmija Qala, fil-kuntrada 'Tas-Salib' maghrufa 'Tal-Qala'" fil-fatt huma riedu jfissru "nofs diviz, tan-naha tat-Tramuntana minn bicca raba' fl-imsemmija Qala, fil-kuntrada 'Tas-Salib' maghrufa 'Tal-Qala'".*

[169] Kopja a fol 815 sa 819. Ezebit ghal darb'ohra a fol 859 sa 862.

*Peress illi l-komparenti* ***Rosa Vella tiddikjara illi fil-precitat tetsment unika karta l-imsemmija testaturi kienu hallew b'titolu ta' legat a favur tal-komparenti Angela Buttigieg l-imsemmija proprjeta' u dana a kont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt u successjoni taghhom***.

*U peress illi din il-porzjon art kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-komparenti Rosa Vella u l-mejjet zewgha Anthony Vella.*

*Peress illi dan l-istat ta' fatt gie konfermat fil-precitat testment unika karta u ghalhekk fi kwalunkwe' kaz* ***in-nofs indiviz ta' din il-porzjoni art appartenenti lill-mejjet Anthony Vella gie trasferit a favur tal-komparenti Angela Buttigieg mal-mewt tieghu*** *fis-sittax (16) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983).*

*Ghaldaqstant u* ***bis-sahha ta' dan l-Att id-donanti qieghda taghti u tittrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, b'effett mil-llum stess, a favur tad-donatarja li taccetta u takkwista bl-istess titlu nofs (1/2) indiviz ta' bicca raba' li tinsab fil-Qala, Ghawdex, fil-kuntrada "Tas-Salib" maghrufa bhala "Tal-Qala", tal-kejl ta' cirka mija u tnejn u hamsin punt decimali tmienja metri kwadri ($152.8m^2$)***, *li tikkonfina mill-Punent ma' Triq Patri Guzepp Portelli u ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo u Salvu ahwa Buttigieg, mit-Tramuntana ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo u Salvu ahwa Buttigieg u min-Nofsinhar u mill-Lvant ma' beni tad-donanti u tal-eredi ta' Anthony Vella* […]

*Ghal kull buon fini* ***jigi dikjarat illi d-donatarja Angela Buttigieg bil-kunsens tad-donanti Rosa Vella u tal-mejjet zewgha Anthony Vella bniet id-dar tar-residenza taghha snin ilu fuq l-art hawn trasferita***. *L-imsemmija* ***dar hi bla numru u jisimha "Canadian Comfort"***, *fi Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, Ghawdex u l-irjieh taghha huma dawk imsemmija fid-deskrizzjoni tar-raba' imsemmi aktar il-fuq u trasferit permezz ta' dan il-kuntratt.*

*Din id-donazzjoni qieghda issir u qed tigi accettata bil-kundizzjonijiet li gejjin:*
[…]
*(3)* ***id-donatarja ghandha timputa din id-donazzjoni fl-okkazzjoni tal-qasma tal-assi ereditarji tad-donanti***.

[enfazi ta' din il-Qorti]

Moqrija flimkien, dawn l-atti ma' jħallu ebda dubbju li filwaqt li fil-konfront tal-konvenuta, Mary Jane Formosa tħallew:

i. prelegat barra minn sehemha tan-nofs diviż spettanti lill Rosa Vella – ossia kwart – ¼ - minn parti diviża minn biċċa raba' magħrufa bħala "Tas-Salib" fi Triq Patri Guzepp Portelli – qabel magħrufa bħala Triq Wardija – fil-limiti tal-Qala, Għawdex, u din il-parti diviża kollha kemm hi hija tal-kejl ta' ċirka mija u sittin metru kwadru (160m.k.) u dan sabiex it-testatrici tħallas u tikkumpensa lill-bintha Mary Jane tal-kuri u s-servizzi illi hija qed tirrendilha u talli laqgħetha f'darha u qed iddur biha, u;

ii. prelegat tas-sehem spettanti lill Rosa Vella mid-dar bin-numru tmienja u tmenin (88) Triq il-Wardija, Qala, Għawdex, bir-raba' magħha anness. Dan ukoll sabiex tħallas u tikkumpensa lil bintha Mary Jane tal-kuri u s-servizzi illi hija qed tirrendilha u ta' dawk li għad trid tirrendilha fil-futur u talli laqgħetha f'darha u qed iddur biha.

Fil-konfront ta' Angiolina Buttigieg, gja attriċi, tħalla:

i. legat akkont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha Toni u Rosa Vella tan-nofs indiviż – ½ - tan-naħħa tat-Tramuntana minn biċċa raba' fil-Qala fil-kuntrada "Tas-Salib" magħrufa "Tal-Qala" ta' xi sighajn u nofs. B'dan illi, bl-att tat-3 ta' Ġunju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili ġie ċċarat li filwaqt li n-nofs indiviż ta' din il-porzjoni art – allura il-kwart - appartenenti lill-mejjet Toni Vella kien diġà ġie konferit a favur ta' Angela Buttigieg mal-mewt ta' missierha Toni Vella fis-sittax (16) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) skond it-testment tal-5 ta' Novembru, 1960, in-nofs rimanenti – kwart ieħor – kien qiegħed jiġi lilha mgħoddi b'donazzjoni minn ommha Rosa Vella bil-patt u l-kundizzjoni li Angiolina Buttigieg timputa din id-donazzjoni fl-okkażjoni tal-qasma tal-assi ereditarji tad-donanti.

Ma' jibqax għalhekk dubbju li filwaqt li l-konvenuta Mary Jane Formosa irċeviet żewġ (2) prelegati – kwart – ¼ - diviż mill-intier tar-raba' "Tas-

Salib" u sehem ommha Rosa – allura nofs – ½ - mill-lok ta' djar numru 88 bir-raba' miegħu; il-gja attriċi Angiolina Buttigieg irċeviet nofs – ½ - diviż mill-intier "Tas-Salib" – dak li fuqu bniet id-dar tagħha, illum tal-attriċi bintha Rosie Buttigieg, bl-isem *"Canadian Comfort"* u dan in kwantu għal-kwart mill-eredita' ta' missierha u kwart b'donazzjoni mingħand ommha.

Mary Jane irċeviet l-istess proprjeta' bi prelegat barra minn sehemha sabiex tiġi kumpensata tal-kuri, assistenzi, u servigi rezi lill-ommha mentri l-gja attriċi Angiolina irċeviet l-istess akkont ta' sehemha u bl-intendiment ċar li l-istess kellu jiġi mputat fl-okkażjoni tal-qasma tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħha.

L-argument li jqajmu l-atturi dwar il-fatt li qabel sar il-legat a favur Angiolina Buttigieg din kienet diġà rċeviet l-istess proprjeta' b'titolu ta' dota mingħand il-ġenituri tagħha ftit jibdel il-fatt li għanda sseħħ l-imputazzjoni.

Dan inkluż fuq is-saħħa tad-deċiżjoni iċċitata mill-atturi stess mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet ***Joseph Stellini et vs Carmel Stellini*** fejn gie ritenut:

> *42. Dan* ***l-aggravju huwa fis-sens li*** *gjaldarba l-appellati jsostnu li l-fond gie moghti lil Anna Xuereb "b'titolu ta' dota" jew b'titolu iehor gratuwitu, dan il-fatt, anke bit-trapass ta' tletin sena, ma jezonerax lill-istess Anna Xuereb mill-obbligu taghha li tikkonferixxi fil-massa ereditarja tal-genituri taghha l-valur tal-fond, u dan bis-sahha tad-dispozizzjonijiet dwar il-kollazzjoni, Fi kliem iehor l****-akkwizizzjoni da parti taghha bil-preskrizzjoni akwizittiva, ma jezonerahiex mill-obbligu naxxenti mill-Artikoli 913 u 922 tal-Kap. 16****.*
>
> *43. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li meta l-appellata Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar konjugali, ma sarx kuntratt pubbliku, u allura, hu legalment eskluz it-trasferiment tal-art b'titolu ta' dota jew b'titolu gratuwitu iehor.*
>
> *44. Jirrizulta li Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art meta missierha ghaddhielha verbalment, u minn dak in-nhar il-pussess taghha kien animo dominii, u cioe` bl-animus rem sibi habendi, tant li bniet id-dar matrimonjali, bl-ispejjez taghha u ta' zewgha, fuq l-art de quo. Minn dak*

*iz-zmien il-pusssess kien wiehed univoku, pacifiku u kontinwu ghal aktar min tletin (30) sena, b'mod li l-fond gie akkwistat minnha bit-titolu originali ta' usucapione.*
[...]

*Ghalhekk **dan l-aggravju huwa nfondat**.*

Fil-każ *de quo*, huwa minnu li Angiolina Buttigieg aktarx giet fil-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar tagħha b'titolu ta' dota fis-sena 1959 meta żżewġet. Fattur dan li jikkonfermah it-testment tal-ġenituri tagħha stess tal-5 ta' Novembru, 1960 in atti Nutar Giuseppe Cauchi[170] u b'mod aktar preċiż il-kuntratt tat-3 ta' Ġunju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili.[171]

L-atturi għalhekk jittentaw jiddependu fuq il-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali sabiex jissostanzjaw it-tezi tagħhom li tali proprjeta' ġiet preskritta favur il-gja attriċi Angiolina Buttigieg.

Madanakollu, kemm it-testment tal-5 ta' Novembru, 1960 kif ukoll il-kutratt tat-3 ta' Ġunju, 1997 jagħmlu ċar; fl-ewwel lok, u fil-każ tat-testment, li s-sehem mholli lill-istess Angiolina kien "akkont tas-sehem" tagħha spettanti mill-wirt tal-ġenituri tagħha mentri l-kuntratt jispeċifika li l-istess Angiolina, *qua id-donatarja ghandha timputa din id-donazzjoni fl-okkazzjoni tal-qasma tal-assi ereditarji tad-donanti*.

Ma' jistax għalhekk jingħad li l-gja attriċi Angiolina Buttigieg tista' titqies li żammet fil-pussess tagħha l-istess proprjeta' għat-terminu preskrittiv ta' 30 sena neċessarju sabiex isseħħ l-akkwizizzjoni preskrittiva meta b'tali proviżjonijiet huwa kjarament eskluż l-element ta' *animo domini* rikjest mill-liġi nostrana.

Għalhekk, il-gja attriċi Angiolina u issa l-eredi tagħha m'humiex ezonerati mill-obbligi naxxenti mill-Artikoli 913 u 922 tal-Kap. 16 dwar il-kollazzjoni, irrispettivament mit-trapass ta' tletin sena.

B'dan li huwa ċar li t-titolu fil-proprjeta' legata lill-gja attriċi Angiolina Buttigieg ġie validament mgħoddi lilha u l-porzjonijiet art relattivi hekk

---

[170] Fejn dan jghid: *It-Testaturi jiddikjaraw illi fl-okkazzjoni taz-zwieg ta' binthom Angiolina ma' Carmelo Buttigieg kienu tawha dota minghajr ebda skrittura is-somma ta' mitejn lira Sterlina (£200) kif ukoll nofs indivis tan-nahha tat-Tramuntana minn bicca raba' fl-imsemmija Qala fil-kuntrada "Tas-Salib".*

[171] Fejn dan jghid: *il-partijiet jiddikjaraw illi fl-okkazjoni taz-zwieg tal-komparenti Angela Buttgieg ma' zewgha Carmelo Buttigieg, fis-sena elf disa' mija u disa' u hamsin (1959) il-komparenti Rosa Vella flimkien ma' zewgha il-mejjet Anthony Vella kienu tawha bhala dota u minghajr ebda skrittura porzjon art fil-Qala, Gahwdex, fil-kuntrada "Tas-Salib".*

trasferiti huma esklużi mill-qasma bl-imputazzjoni għandha biss isseħħ sabiex jitqiesu il-valuri hekk diġà mgħoddija lill-istess Angiolina Buttigieg meta jiġu kkonfermati l-ishma dovuti lill kull parti eredi tal-konjuġi Toni u Rosa Vella u ssir id-diviżjoni relattiva tal-proprjeta' formanti l-massa ereditarja tagħhom.

Oltre dan, u ghal-kjarezza, jingħad li l-benefikati magħmulha mil-gja attriċi Angiolina Buttigieg u żewġha Carmelo Buttigieg fuq l-art legata jew donata lill-istess Angiolina Buttigieg huma kjarament esklużi mill-imputazzjoni, kif anke aċċettat mill-konvenuti kemm fir-risposta tagħhom tat-8 ta' Frar, 2023,[172] kemm fil-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2023,[173] kif ukoll fir-rikors tagħhom tat-12 ta' Mejju, 2023.[174]

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara li l-proprjetajiet formanti l-massa ereditarja tal-konjuġi Toni u Rosa Vella huma s-segwenti:

A. Parafernali ta' Anthony sive Toni Vella:

i. Porzjon tan-"Nigret il-Qala" ta' ċirka 737.1m.k.;
ii. Porzjon tan-"Nigret il-Qala" ta' ċirka 191m.k.;
iii. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 571m.k.;
iv. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 521m.k.;
v. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 155m.k.;
vi. Porzjon "Tal-Mehba" ta' ċirka 304m.k.;
vii. Porzjon raba' "Il-Qawra ta' Berqa" sive "Il-Qortin ta' Fuq" ta' ċirka 356.4m.k.;
viii. Il-lok ta' djar bin-numri 191 – 194, gja numru 146, fi Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex, kif suġġetta ghas-servitu tal-*altius non tollendi* u għall-użufrutt *vita durante* favur l-attur Joseph Vella.

[172] Risposta a fol 653 *et seq.*
[173] Verbal a fol 799 *et seq.*
[174] Rikors a fol 836 *et seq.*

B. Fil-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Anthony sive Toni u Rosina sive Rosa Vella u li għadhom in komprorjeta' u in diviżjoni:

a. Nofs – ½ - mill-lok ta' djar numru 88, gja numru 61, bil-ġardina tal-kejl ta' 93m.k. annessa miegħu;
b. Parti diviża mir-raba' msejjaħ "Tas-Salib" fil-limiti tal-Qala, Għawdex wara li mill-intier tal-istess jitnaqqas is-sehem diviż ta' ċirka 234m.k. li ħadet Angiolina Buttigieg akkont ta' sehemha u fuqu bniet id-dar tagħha u dak ta' ċirka 160m.k. li ħadet Mary Jane Formosa b'legat in kumpens tas-servigi rezi minnha lill-ommha Rosa Vella;
c. Il-porzjon li jibqa' mill-art tal-kejl ta' ċirka 130m.k. u l-art tal-kejl ta' ċirka 281m.k. wara li jitnaqqas is-sehem li kien ingħaddha lill-eredi ta' Ursola Buttigieg ossia uliedha Rosie Judde u Carmen Turner bil-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo bi ħlas tal-legat mhalli lill-ommhom Ursula Buttigieg fit-testment *unica charta* tal-ġenituri tagħha, Toni u Rosa Vella, tas-27 ta' Novembru, 1971, in atti Nutar Giuseppe Cauchi, u li fuqu bnew il-proprjeta' numru 89, Triq il-Wardija, il-Qala, Għawdex liema proprjeta' biegħu fis-7 ta' Novembru, 1997 bl-att ta' kompravendita' in atti Nutar Mariosa Grech, lill-konvenuta Mary Jane Formosa.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur